**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 174**
**It-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 174**
**It-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 174**

**It-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023**

**WERREJ**

MINUTI ........ 670

RULING ........ 670

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 672

KUMITATI PERMANENTI ........ 677

FTEHIM TAL-KAMRA ........ 677

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA
ID-DISA' SEDUTA STABBILITA - MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL ........ 677

AĠĠORNAMENT ........ 706

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 173, li saret fl-20 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## RULING

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Is-Sedja ħadet nota tal-punti mqajma mill-Onor. David Agius wara l-ħin tat-Tqegħid ta' Karti tas-Seduta 171 tal-14 ta' Novembru 2023, u nikkwota:

> **"ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, nirreferik għall-mistoqsija parlamentari 13,233 li għamilt lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali dwar position of trust u salarji. Dan jirreferini għall-mistoqsija parlamentari 20,995 tat-12-il Leġiżlatura. Issa aħna qegħdin fl-14-il Leġiżlatura.
>
> Jien ġibt ukoll - grazzi għall-ħaddiema tal-Parlament - x'hemm bħala risposta fit-12-il Leġiżlatura. Fil-fatt hemmhekk hemm mistoqsija parlamentari tal-Onor. Claudette Buttigieg lill-Onor. Konrad Mizzi li m'għandha x'taqsam assolutament xejn mal-mistoqsija li għamilt jien. Jekk forsi kien hemm żball u kienet tat-13-il Leġiżlatura, fejn jien tlabt l-ammont totali tas-salarji, irreferieni għal manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra. Nitolbok tidħol ftit fiha ħalli jkolli risposta għall-mistoqsija li għamilt.".

Is-Sedja tibda mill-ewwel billi tirrivela li minn verifiki li saru mal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, ir-referenza għall-mistoqsija parlamentari 20,995 tat-12-il Leġiżlatura kien żball tal-pinna, u r-referenza kellha tkun għall-mistoqsija parlamentari 20,995 tat-13-il Leġiżlatura. Fil-fatt, fis-seduta immedjatament wara, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra korrezzjoni għat-tweġiba fejn qal:

> "Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 20995 tat-13-il Leġiżlatura.".

B'hekk is-Sedja tara li l-ewwel kwestjoni mqajma mill-Onor. Agius fit-talba tiegħu, u ċjoè jekk ir-referenza fit-tweġiba oriġinali għall-mistoqsija tiegħu bin-numru 13,233 kinitx korretta, issa hija riżolta.

Is-Sedja issa se tgħaddi biex tikkonsidra l-parti tal-ilment li tikkonċerna t-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija u għalhekk se nikkwota:

> **"13233. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li jokkupaw position of trust fil-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

It-tweġiba tal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, kif korretta fis-Seduta 172 tal-15 ta' Novembru 2023 taqra hekk:

> **"ONOR. OWEN BONNICI**: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 20995 tat-13-il Leġiżlatura.".

Li kienet taqra hekk:

> **"ONOR. JOSÈ HERRERA**: Ninforma lill-Onor Interpellant li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.".

Is-Sedja kellha l-opportunità diversi drabi tikkonsidra lmenti dwar tweġibiet mogħtija minn Ministri għal mistoqsijiet parlamentari magħmula minnhom. Is-Sedja dejjem għamlitha ċara illi hija ma għandha l-ebda mansjoni sabiex tippronunzja ruħha dwar jekk risposta mogħtija minn Ministru tal-Gvern fil-fatt tirrispondix dak li jkunu qed isaqsu l-interpellanti. Kif tispjega dejjem, il-poteri tas-Sedja huma biss fuq l-għemil ta' mistoqsijiet, u dan kif regolat mill-Ordnijiet Permanenti 26 sa 32. Min-naħa l-oħra ma hemm l-ebda regolament, la fl-Ordnijiet Permanenti u lanqas f'xi liġi, li jagħti s-setgħa lis-Sedja tidħol fit-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministri.

Is-Sedja, kif dejjem tagħmel meta r-regoli tal-Kamra jkunu siekta dwar xi materja, tara x'inhuma r-regoli u l-prassi tal-House of

Commons tar-Renju Unit. Hawn nikkwota mill-Erskine May, li f'paragrafu 22.7 dwar 'Speaker's control of questions' jgħid illi:

> "The Speaker's responsibility for questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question, and responsibility for answers rests with Ministers.".

Is-Sedja tikkwota wkoll lill-Ex Speaker tal-House of Commons John Bercow fis-seduta parlamentari tat-28 ta' Novembru 2001 meta nqalgħet il-kwestjoni dwar risposti parlamentari għal domandi li jistgħu jinħassu li mhumiex preċiżi, jew li jistgħu jagħtu suspett li l-fatti mhumiex daqshekk ċari, jew addirittura ma jkunux veritieri. Dakinhar l-Ispeaker Bercow qal hekk:

> "It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me.".

Din hija l-pożizzjoni li dejjem ħadet is-Sedja, inkluż fid-diversi talbiet f'dan ir-rigward li kellha anke matul din il-Leġiżlatura. F'dawn ir-rulings, però, is-Sedja fakkret u tagħmilha ċara dwar 'l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba [mill-Ministri], u dan fi żmien raġjonevoli' (S154, 11 ta' Ottubru 2023, S155, 16 ta' Ottubru 2023), u dan għaliex is-Sedja tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari. (S138, 26 ta' Ġunju 2023, S73, 10 ta' Jannar 2023, S36, 24 ta' Ottubru 2023, S29, 5 ta' Ottubru 2023).

Is-Sedja tħeġġeġ fir-ċirkostanzi lill-Onor. Agius sabiex jekk iħoss li t-tweġiba mogħtija lilu mhijiex sodisfaċenti – u din qed nagħmilha ċara - għandu jinsisti għal tweġiba billi jerġa' jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Bħalma jaf l-Onor Membru, is-Sedja dejjem tirrakkomanda li l-Membri jingħataw informazzjoni preċiża u korretta għall-interpellanzi tagħhom anke permezz tal-proċedura parlamentari li tintuża fil-każ ta' tweġibiet interim fejn il-Ministru jista' jagħti tweġiba parzjali, bil-kumplament tal-informazzjoni tingħata f'seduta sussegwenti meta tinġabar.

Huwa għalhekk li jien qed ngħid fir-Ruling li inti għandek terġa' tpoġġi d-domanda parlamentari.

Ir-Ruling huwa deċiż.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### ASSISTENZA GĦAL DIŻABILITÀ SEVERA: DIĊEMBRU 2020 – SPIŻA

**11286. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li bbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabilità Severa f'Diċembru tal-2020 u kemm kienet l-ispiża?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2020* kien ta' 3,400 bi spiża ta' €19.6 miljun.

*Pagament dovut fil-bidu ta' Jannar 2021 kien antiċipat fl-aħħar ta' Diċembru 2020.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, nixtieq nistaqsi lill-Ministru dwar kemm qegħdin jersqu nies 'il quddiem għall-għoti tal-warrant fis-settur tas-social workers. X'qiegħed jagħmel il-Gvern biex jibqa' jattira nies biex jaħdmu f'dan is-settur tant u tant importanti?

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, il-ġimgħa li għaddiet kelli l-pjaċir li nattendi għall-warranting ceremony tas-social workers li issa waslu fit-tmiem tal-istudju tagħhom. Jidhirli li għandhom kors ta' erba' snin u għamlu wkoll il-perjodu ta' xogħol taħt superviżjoni. Peress li jkollhom jgħaddu sentejn prattika, il-warranting isir kull sentejn, u bi pjaċir ngħid li issa se jkollna 74 social worker oħra li ġabu l-warrant tagħhom. Dan huwa numru sabiħ però ma jfissirx li m'għadx għandna bżonn social workers oħrajn.

Il-professjoni ma tistax tissostitwixxiha. M'hemm xejn li jista' jkun aħjar mill-kuntatt uman ma' persuna li hija professjonista f'dak ix-xogħol. Irridu naraw li nattiraw aktar ħaddiema fil-qasam soċjali, imma sfortunatament madwar l-Ewropa kollha hawn bżonn għal aktar minnhom. Wieħed mill-passi li għamilna żgur hu li tejjibna r-remunerazzjoni għal dawk li jidħlu għall-kors ta' social worker għax l-istipendju kien żdied flimkien ma' ta' oħrajn għal €187 kull erba' ġimgħat. Illum għandna madwar 700 social workers full-time u rridu naraw li ninkoraġġixxu aktar.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, lill-Ministru se nieħdu lura għar-racket tal-benefiċċji tad-diżabiltà severa. Meta din ġiet żvelata f'Settembru li għadda hu kien ħabbar li ħatar bord ta' inkjesta biex jevalwa l-proċess li bih ingħata dan il-benefiċċju. Naf li kien tahom time-frame ta' ħames xhur, però jista' forsi jgħidilna jekk minn dak iż-żmien kellux xi rispons mingħand dan il-bord?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, kif anke aċċennat l-Onor. Graziella Attard Previ hemm bord li nħatar apposta li qiegħed jeżamina l-proċessi mhux biss ta' dan il-benefiċċju partikolari imma anke ta' oħrajn. (Interruzzjonijiet) Le, ma nindaħalx! Qatt ma ndħalt u m'iniex se nindaħal jew b'xi mod jew ieħor inwassal messaġġi lill-bord. L-impenn li għamilt dakinhar kien li jingħalaq ir-rapport li se jagħmel dak il-bord dwar proċessi – u meta qed nitkellem fuq proċessi mhux qiegħed nitkellem fuq mertu ta' każi differenti – u jiġi pubblikat. Nassigura lill-Onor. Interpellant li malli jingħalaq ir-rapport, m'għandi ebda diffikultà li nippubblikah.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, id-dinja dejjem qed tinbidel u għandna realtajiet soċjali li qed ifeġġu llum u anke realtajiet soċjali oħrajn li qed naraw li se jfeġġu ftit tas-snin oħra. Kif qegħdin nilqgħu għal dan u x'servizzi qed noffru f'dan ir-rigward?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Id-dinja dejjem tinbidel. Saying Ingliż jgħid li l-unika ħaġa kostanti hija l-bidla, għax il-bidla għaddejja kull mument. L-isfidi soċjali, bħalma hemm fil-pajjiżi l-oħra kollha u pajjiżna għandu tiegħu wkoll, jinbidlu. Jalla ma jsirux aktar kumplikati, imma żgur li wieħed irid ikun lest għat-tibdil.

Mhux dejjem se jirnexxilek tanticipah, imma għall-inqas trid tkun kapaċi li tirrispondi għalih fi żmien raġonevoli. Għandek, bħal f'kull ħaġa, dawk li huma għanijiet li forsi jkunu mifruxin fuq perjodu twil ta' żmien, imbagħad għandek dak li jkollok bżonn tagħmel b'mod iktar immedjat.

Jekk inħarsu ftit fit-tul insibu li ftit taż-żmien ilu nidejna l-policy soċjali tagħna għas-sena 2025, viżjoni li għandha twassalna għal 12-il sena oħra. Konvint li dak li hemm miktub mhuwiex imnaqqax fil-blat, jew ma jistax jinbidel, imma għall-inqas għandna direzzjoni fejn nixtiequ naslu. Kellna ċirkostanzi li ġabu tibdil anke f'dawn l-aħħar snin, u naħseb li waħda minnhom kienet żgur il-pandemija. Illum sirna nitkellmu fuq il-pandemija qisha l-istorja u qabel l-istorja! Għandek tibdiliet soċjali oħrajn li huma mgħaġġlin, għandek taħlita ta' kulturi u soċjetajiet. Dik minnha nnifisha tfisser li se jkollok tibdel u taġġusta, filwaqt li se jkollok bżonn tistabbilixxi miri għal żmien qasir.

Kif diġà għedt, għandna dokument li jagħti viżjoni soċjali sal-2035, fost dokumenti oħrajn. Għandek biex ngħid hekk id-dokument ewlieni u diversi miri soċjali oħrajn fil-qasam tat-tfal u r-riabilitazzjoni mid-droga. L-importanti hu li għall-inqas nafu fejn irridu naslu. Konvint li matul il-proċess se nibdlu biex nilħqu l-miri tagħna, imma dak li hu mistenni minna hu li nirrispondu għall-bżonnijiet tan-nies li dejjem qed jinbidlu. Jalla ma jsirux aktar komplikati, imma żgur li jekk xi ħadd jipprova jbellagħha lil xi ħadd li għandu xi bakketta maġika u jaf x'inhu ġej fil-problemi soċjali ta' għada, ta' pitgħada u ta' pitpitgħada, u minn issa diġà għandu s-soluzzjonijiet, ikun qed jidħak l-aktar bih innifsu. Irridu nkunu hemm, irridu ngħinu kull fejn nistgħu u rridu li jkollna viżjoni fit-tul imma fl-istess ħin irridu nkunu lesti biex nintervjenu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Il-ġimgħa li għaddiet, proprju wara ċ-ċerimonja tal-għoti tal-warrant lis-social workers, fil-gazzetti ġie rrapportat li l-Gvern qiegħed jappoġġja żieda ta' €187 kull erba' ġimgħat lis-social workers. Din kienet aħbar għas-social workers. Jista' l-Ministru jgħidilna daqsxejn ma' min qed isiru dawn it-taħditiet jew ma' min ġie milħuq dan il-ftehim?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, jew ma fhimtx lill-kollega jien, jew min taha l-informazzjoni qalilha l-ħmerijiet. Ħalli nispjega x'inhi din tal-€187, għax għandna ħabta xi kultant naqbdu kelma minn hawn u kelma minn hemm, u kulħadd iwaddab. Jien naf x'għedt. Għadni ma wasaltx fi stat li ninsa dak li nkun għedt minn nhar il-Ġimgħa sal-lum! Il-€187 mhumiex żieda imma l-istipendju li jingħataw lill-istudenti fl-Università li qegħdin isegwu l-kors tas-social work. L-istipendju tagħhom żdied għal €187 kull erba' ġimgħat. Jiġifieri sa qabel din is-sena akkademika, l-istipendju kien €150 u issa żdied għal €187 kull erba' ġimgħat. (Interruzzjonijiet) Kollega, jekk toqgħod fuq ir-rappurtaġġi ta' xi wħud ... (Interruzzjonijiet) Nerġa' ngħidlek, diġà għedt li kien hemm diversi korsijiet. (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Ippermettili Ministru, ħu paċenzja, kompli indirizza lili.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Kien hemm diversi korsijiet fejn l-istipendju żdied għal €187. Il-kors tas-social workers huwa wieħed minnhom. Kif għedt, din mhijiex żieda ta' €187 imma l-istipendju li żdied għal €187. (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Attard Previ, point of clarification. Fil-qosor ħafna, jekk jogħġbok.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, din qiegħda mniżżla fil-ġurnal *TheTimes of Malta* ta' nhar is-Sibt li għadda u tgħid hekk:

> "The minister also praised social workers and said the government was backing them by bumping up their salaries by €187 every four weeks."

**L-ISPEAKER:** Kollox sew. Qed tikkwota x'qalet *TheTimes of Malta.* Grazzi.

L-Onor. Randolph De Battista, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. RANDOLPH DE BATTISTA:** Sur President, illum jaħbat il-Jum Dinji tat-Tfal u nixtieq li l-Ministru jispjega ftit dwar il-viżjoni li tħabbret illum u dwar kif anke t-tfal stess jistgħu

jagħtu huma stess kontribut fil-konsultazzjoni dwar dak li jridu huma f'pajjiżna.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, fil-qosor ħafna dwar dak li qalet l-Onor. Graziella Attard Previ. Jien ma nerfax responsabbiltà għar-rapportaġġ la tal-ġurnal *TheTimes of Malta* u lanqas ta' oħrajn. Jien naf x'għedt u rrispondejtha imma forsi *The Times of Malta* fehmitni ħażin.

**L-ISPEAKER:** Hemm rulings fuq dak li jgħidu l-gazzetti. Wieġeb il-mistoqsija tal-Onor. Debattista.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, f'pajjiżna għall-ewwel darba f'Novembru tal-2017 nidejna l-ewwel children's policy. Bl-ebda mod ma jien qed ngħid li qabel dik ic-children's policy ta' sitt snin ilu pajjiżna kien jittraskura lit-tfal tagħna, imma kien f'Novembru 2017 li pajjiżna għall-ewwel darba kellu policy għat-tfal.

Minn dakinhar 'il hawn saru ħafna passi 'l quddiem, fosthom il-liġi l-ġdida tat-tfal, u tawwalna l-preskrizzjoni għat-tfal li jkunu abbużati. Illum il-preskrizzjoni ta' abbuż fuq minuri hija daqs omiċidju volontarju, jiġifieri hemmhekk żidna l-protezzjoni. Għollejna wkoll il-ġurisdizzjoni tal-Juvenile Court u tellajnieha sa 18-il sena. Tellajna l-konċett ta' mandatory reporting. Qed nara lill-Onor. Joe Giglio li huwa prattikanti ħafna l-Qorti, u jaf x'jien ngħid. Dawn kienu passi 'l quddiem, għad fadal x'nagħmlu u l-illużjoni li għamilna kollox mhijiex realtà.

Kull dokument għandu t-terminu tiegħu, u llum nidejna qafas ta' policy biex ikollna t-tieni policy għat-tfal għas-sitt snin li ġejjin. Kien hemm diġà konsultazzjonijiet ma' msieħba f'dan il-qasam u llum nidejna l-qafas politiku għal dik il-konsultazzjoni pubblika.

Sur President, b'ċertu sodisfazzjon ngħid ukoll li minbarra li hemm proġett fejn it-tfal jistgħu jidħlu u jaraw dokumenti li jinteressawhom f'format sempliċi biex issegwi, hemm ukoll app apposta li ġiet żviluppata biex it-tfal jagħtu l-veduta tagħhom.

Fil-fehma tiegħi, waħda mill-akbar bidliet li rnexxielna nagħmlu bħala pajjiż, biex ma noqgħodx ninstema' forsi partiġjan, kien li fil-liġi l-ġdida tat-tfal daħħalna l-konċett li l-preżunzjoni hija dejjem favur il-minuri u li dan jaf x'inhu jgħid u għandu jinstema'. Filwaqt li qabel kien hemm l-oneru li wieħed "jipprova" li l-minuri huwa kapaċi jagħti l-opinjoni tiegħu, illum dak l-oneru huwa bil-kontra. Illum il-preżunzjoni hija dejjem favur li l-minuri jista' jgħid tiegħu. Din hija milestone għal pajjiżna.

F'dan il-qasam naħseb li huwa rilevanti ħafna l-famuż saying 'it takes a whole village to raise a child' jiġifieri l-formazzjoni tat-tfal mhijiex responsabbiltà biss tal-ġenituri imma wkoll tas-sistema tal-edukazzjoni, tal-ambjent, tal-komunità li wieħed jgħix fiha u tas-sistema tas-saħħa li kollha jikkontribwixxu biex ikollna ġenerazzjonijiet aħjar.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Albert Buttigieg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, nixtieq inkompli mal-kollega ta' qabli li tkellem fuq il-Jum Dinji tat-Tfal. Problema li t-tfal qed ikollhom speċjalment fil-kontest Malti hija l-obeżità li toħloq problemi mhux biss fiżiċi imma anke soċjali. Hemm ukoll il-problema li t-tfal iweġġgħu lilhom infushom apposta. Jista' l-Ministru jaġġornana dwar x'inhi t-triq 'il quddiem min-naħa tal-Ministeru fuq dawn iż-żewġ suġġetti?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, aħjar noqgħod attent kif nikkummenta fuq il-kondizzjoni tal-obeżità għal raġunijiet ovvji. Ċajt apparti, l-obeżità hija waħda mill-problemi prinċipali li sfortunatament f'pajjiżna hija aktar komuni minn pajjiżi oħrajn. Hemm diversi mezzi li bihom wieħed jista' jindirizza din il-problema, fosthom permezz tal-edukazzjoni dwar ikel san. Irridu wkoll nippromowvu l-eżerċizzju.

Il-problema l-oħra li semma l-Onor. Buttigieg hija verament inkwetanti. Jekk ngħid li m'hawnx problema nkun giddieb. Ir-realtà hija li qed ikun hemm aktar problemi u diffikultajiet ta' natura mentali jew ta' imġiba f'etajiet żgħar u dan mhux f'pajjiżna biss. Naħseb li rridu nagħmlu l-almu tagħna u naħdmu aktar biex niffaċċjaw din il-problema.

Ftit taż-żmien ilu l-Kummissarju tat-Tfal nediet tliet videos partikolari dwar is-self harm, li

wieħed jagħmel ħsara lilu nnifsu, u dan jista' jwassal għall-pass estrem tas-suwiċidju. Dawn il-videos huma mmirati għal dawk l-etajiet. Hemm ħafna aktar x'nagħmlu. Bdejna minn dan u rridu nwessgħu aktar. Qed niltaqgħu ma' aktar każijiet ta' eating disorders u solitudni u r-relazzjoni soċjali hija aktar mal-computer milli man-nies. Din hija r-realtà! Il-Kummissarju tat-Tfal hija impenjata biex tindirizza dawn il-każijiet ta' natura mentali, mhux biss każijiet ta' self harm jew ta' suwiċidju, fejn irridu nagħtu ħafna aktar attenzjoni.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Edward Zammit Lewis, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, il-ġimgħa l-oħra kellna l-Baġit intitolat "Malta Ġusta", fejn kien hemm miżuri mmirati speċifikament għal dawk li huma persuni li qegħdin viċin il-paga minima u dawk l-aktar persuni bi dħul baxx. Minn ottika soċjali x'inhuma l-aktar miżuri importanti biex dawn in-nies jintlaqtu pożittivament minn dan il-pjan finanzjarju? Kif se jintlaqtu b'mod pożittiv dawn in-nies?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Falzon, fil-qosor għax ma fadalx ħafna ħin.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Fil-qosor ħafna, Sur President. Bla dubju, effett b'saħħtu huwa ż-żieda tal-COLA, għalkemm wieħed irid jirrikonoxxi li l-COLA hija intiża li tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni. Dik żgur li se tagħmel differenza. Il-pensjonanti se jkollhom żieda ta' €60 kull erba' ġimgħat. Għandek il-fatt li rnexxielna naslu għal ftehim fi żmien relattivament qasir fuq il-paga minima, it-tieni ftehim f'perjodu ta' ftit snin.

Hemm mekkaniżmi oħrajn indirizzati preċiżament biex jgħinu lill-familji, fosthom iż-żieda fic-children's allowance ta' €250 u l-ħlas addizzjonali tal-COLA li din id-darba se jolqot pożittivament firxa akbar ta' nies. Hemm diversi miżuri oħrajn, u fil-ħin li fadal ma naħsibx li nista' naqbad il-Baġit u naqrah kollu! L-itwal biċċa li kellu jaqra l-kollega l-Ministru Caruana kienet il-biċċa dwar il-qasam soċjali!

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet issa għadda. Ngħaddu għal Tqegħid ta' Karti. Il-Ministru Owen Bonnici.

**TQEGĦID TA' KARTI**

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Sur President, f'isem il-Prim Ministru nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi n-nefqa f'reklamar fuq *Facebook* mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13394;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi n-nefqa f'reklamar fuq *Facebook* mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali fis-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13397;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 268 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu fir-rigward ta' Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva;

> Tabella li turi n-nefqa f'reklamar fuq *Facebook* mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13398;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Informazzjoni dwar il-pagamenti li saru għal tiswijiet fuq kull Rigid Hull Inflatable Boats (RHIB) fil-flotta ta' Transport Malta fil-perjodu bejn Frar 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13412;

> Tender for the Supply and Delivery of Three Rigid Hull Inflatable Boats (RHIBS) with Cuddy Cabin datat 3 ta' April 2020, bi tweġiba għall- mistoqsija parlamentari 13413;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza nqiegħed fuq il- Mejda tal Kamra:

Kumment mill-Onor. Byron Camilleri, fuq il-paġna ta' Facebook, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13522;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Stqarrija maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża bl-isem 'Pagament *ex gratia* ta' darba għall-konsumaturi milquta minn interuzzjonijiet fil-provvista tal-elettriku kawża tal-mewġa ta' sħana f'Lulju' datata 26 ta' Settembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13475;

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Ftehim legali tal-permess PA3807/17 li sar bejn l-Awtorità tal-Ippjanar, db San Ġorġ Property Ltd u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ffirmat fis-6 ta' Settembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13517; u

Lista ta' permessi u Development Notification Order (DNO) maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għal xogħlijiet ta' pavimentar u toroq fil-Mosta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13520; u

f'isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Kuntratt ta' xogħol bejn il-Gvern ta' Malta u Dr Josianne Cutajar għal servizz ta' Chief Executive Officer (CEO) mal-Faċilità San Vinċenz de Paul, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13470.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Stqarrija mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal (PR231326) dwar l-abbuż fl-għoti tal-Allowance tad-Diżabilità Severa, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11363;

Tabella li turi n-numru ta' benefiċjarji li qed jirċievu l-Allowance tad-Diżabilità Severa maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11364; u

Tabella li turi n-nefqa f'reklamar fuq Facebook mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal bejn is-27 ta' Marzu 2022 u l-10 ta' Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13396.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Clyde Caruana.

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol)**: Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 269 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek;

Tabella li turi informazzjoni dwar jekk sarux appelli mit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji quddiem il-Qorti tal-Appell fis-snin bejn l-2019 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13095; u

Tabella li turi informazzjoni dwar in-numru ta' persuni li għandhom aktar minn 65 sena li jgħixu waħedhom maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13473.

## KUMITATI PERMANENTI

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Michael Farrugia.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi):** Sur President, nirrapporta li Abbozz Nru 63 - Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Qabel ngħaddu għall-Ordnijiet tal-Ġurnata nifhem li hawn xi ftehim li jrid jiġi verbalizzat dwar is-seduta ta' għada filgħodu. Għalhekk insejjaħ lill-Onor. Naomi Cachia bħala Assistent Whip tal-Gvern biex tinforma lill-Kamra dwar dan il-ftehim.

## FTEHIM TAL-KAMRA

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Ninforma lill-Kamra li hemm ftehim sabiex minkejja dak li hemm indikat fil-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023, is-Seduta ta' għada 21 ta' Novembru, 2023 filgħodu għandha tibda fit-8.30 a.m. Dan it-tibdil qed isir ukoll skont kif provdut bl-istess Mozzjoni ta' Proċedura.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nikkonferma dan il-ftehim.

**L-ISPEAKER:** Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## ID-DISA' SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*L-Onor. Michael Farrugia, Viċi President tal-Kumitati, jippresiedi.*

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu l-Voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont Mozzjoni Nru 183 tal-31 ta'Ottubru, 2023 il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal iressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, nipproponi dawn ir-riżoluzzjonijiet:

**VOT 16 - MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €67,821,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 16 - Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 17 - POLITIKA SOĊJALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €518,989,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 17 – Politika Soċjali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 19 - PENSJONIJIET**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €104,225,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata

taħt il-Vot 19 - Pensjonijiet, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT VII - MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €4,885,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot VII - Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. David Agius

**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

**VOT 16 - MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL**

**Personal Emoluments**

**Item 11 - Holders of Political Office**

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".

Illum għandna quddiemna l-voti importanti tal-qasam soċjali: il-politika soċjali u d-drittijiet tat-tfal, jiġifieri allokazzjoni finanzjarja li ssostni l-pedament tas-soċjetà Maltija. Il-politika soċjali hija l-bażi ta' ekonomija bir-rwol li tiżgura kwalità tal-ħajja għal kulħadd, irrispettivament min hu u minn fejn ġej. Il-politika soċjali tmiss ma' kollox; ma' faqar, aċċess għall-kura tas-saħħa, edukazzjoni u xogħol. Fl-aħħar mill-aħħar għandha l-għan li twassal għal soċjetà ġusta li tippermetti lil kulħadd biex jimxi 'l quddiem iżda wkoll tipprovdi bażi effikaċi ta' sigurtà lil dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà tagħna. Barra minn hekk, il-politika soċjali hija essenzjali biex issostni l-koeżjoni soċjali u l-inklużività billi tnaqqas id-differenzi bejn dawk li jifilħu l-aktar u dawk li għalihom l-isfidi tal-ħajja huma wisq kbar għal diversi raġunijiet, li jistgħu jkunu mard, diżabilità, problemi familjari, problemi mal-ġustizzja u tant aktar.

Sur President, nixtieq qabelxejn nieħu l-opportunità biex f'isem l-Oppożizzjoni nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jaħdmu fis-settur kbir tal-qasam soċjali ta' pajjiżna, inkluż il-Ministeru responsabbli u mis-Segretarju Permanenti 'l isfel. Ma jfissirx li mhux se nikkritikahom. Ma jfissirx li dak li hu ħażin u partiġjan mhux se ngħidlu hekk għax, kif dejjem għamilt, jien it-tajjeb ngħid li hu tajjeb imma l-ħażin ngħid li hu ħażin. Irridu nkunu onesti ma' xulxin, irġiel u nisa ma' xulxin. Jien konxju tal-isfidi kbar li hemm quddiemhom bħala ħaddiema fid-diversi oqsma f'dan is-settur.

Minkejja li m'aħniex se naqblu fuq bosta elementi politiċi, jien xorta konxju tal-ħidma kbira u sfiqa li tagħmlu għall-familji Maltin u Għawdxin. Naf ukoll li d-dimensjoni politika soċjali nbidlet enormement fl-aħħar għaxar snin, hekk kif inbidlet drastikament is-soċjetà bħala familja, bl-integrazzjoni jew kultant b'nuqqas ta' integrazzjoni ta' għexieren ta' eluf ta' barranin b'lingwi, etniċitajiet, reliġjonijiet u strutturi familjari differenti. Dawn huma realtajiet differenti f'kull sens.

Irrid ngħid grazzi minn qalbi wkoll lil dawk il-bosta entitajiet karitattivi u NGOs li lkoll jagħmlu ħidma imprezzabbli favur il-koeżjoni soċjali f'pajjiżna. Grazzi wkoll lil dawk il-ġurnalisti - u dan huwa punt għal qalbi ħafna wkoll - li jagħżlu li jixħtu dawl fuq ċerti sitwazzjonijiet f'pajjiżna. Dan huwa importanti ħafna għalina biex nifhmu x'qiegħed jiġri madwarna.

Inħoss li għandi norbot dan id-diskors mat-tema magħżula mill-Gvern stess ta' dan il-Baġit, jiġifieri "Malta Ġusta". Sur President, se ngħid u nuri għaliex nemmen li Malta mhijiex il-Malta li qiegħed jgħid il-Gvern, mhijiex il-Malta li hija verament ġusta għal kulħadd jew forsi ġusta għal xi wħud! Se nagħmel dan billi nikkwota statistika, rapporti u riċerka uffiċjali. Se nitkellem l-ewwel dwar il-faqar f'pajjiżna, u nikkwota l-istħarriġ tal-Unjoni Ewropea magħruf bħala Statistics on Income and Living Conditions (SILC). Għal min ma rax dan ir-rapport, iqabbdek il-bard! Dan ir-rapport jgħidlek li bħalissa fiċ-ċokon ta' pajjizna għandna aktar minn 100,000 ruħ f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Qed nirreferi għal Table 1 intitolata: "At risk of Poverty or Social Exclusion" li tagħtina l-figura ċara ta' 102,834. Iva, qed nitkellmu fuq aktar minn 100,000 ruħ jew wieħed minn kull ħames persuni li jgħixu f'dawn il-gżejjer Maltin!

Dan meta suppost aħna l-aqwa fl-Ewropa u l-għira tad-dinja!

Taf x'jinkwetani aktar minn hekk, Sur President? Filwaqt li ċ-ċifri juru li persuna minn kull ħamsa jinsabu f'din il-qagħda prekarja f'din il-politika soċjali ta' pajjiżna, jekk tħares lejn setturi differenti tal-popolazzjoni ssib li persuna minn kull tlieta ta' età ta' 'l fuq minn 65 sena, li jammontaw għal 31,586, jinstabu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Imma kif qegħdin fis-sena 2023, se nibdew s-sena 2024, u għadna f'din is-sitwazzjoni f'pajjiżna?! Din hija l-għożża lejn missirijietna? Minflok nagħtu l-wens lill-anzjani tagħna wara għomorhom jaħdmu u jistinkaw fuq il-lant tax-xogħol biex irabbu l-familja, fost għadd ta' sfidi oħra, terz minnhom qed iqattgħu l-anzjanità tagħhom imbeżżgħin li ma jifilħux għal xi spiża mhux mistennija. Ma jistgħux lanqas jagħmlu kapriċċ biex forsi jferrħu lin-neputajiet tant għeżież tagħhom.

Sur President, ir-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar żdiedet u mhux naqset fl-aħħar ħames snin, minn 19.4% fl-2017 għal 20.1% fl-2022. Din hija statistika uffiċjali li turi ċar li wieħed minn kull tlieta f'età ta' 'l fuq minn 65 sena huwa f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Forsi l-Ministru ma jagħtix kas xi tgħid *The Times of Malta*, imma dan ikkwotajtu minn *The Times of Malta.* Ma kien hemm l-ebda Ministru li jgħid li dan mhuwiex veru. Huwa veru li dan qed tgħidu *The Times of Malta*, imma dawn kienu qed jgħidu dak li hemm fis-SILC. Saħansitra fejn jidħlu l-anzjani, ir-rata tiżdied bi 3% f'sena waħda biss bejn 2021 u 2022. Din hija Malta ġusta!

Issa hawn irrid ngħid li dawn iċ-ċifri huma sal-2022 jiġifieri għadhom ma jikkonsidrawx l-għoli tal-ħajja li b'mod sfrenat ħakem lil pajjiżna fl-2023. Kellna inflazzjoni li ppersistiet fuq livelli għoljin bejn 5% u 7%, xahar wara l-ieħor, ħafna drabi ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea. Agħar minn hekk, meta tagħsar l-istatistika tal-NSO, għalkemm pereżempju fix-xahar ta' Settembru l-għoli tal-ħajja kien fil-livell ta' 4.9%, meta wieħed jiffoka fuq is-setturi differenti li jikkontribwixxu għall-famuż basket li fuqu tinħadem din iċ-ċifra, jara li l-impatt tal-prezzijiet tal-ikel, l-aktar ħaġa bażika għal kull familja, jibqa' qrib l-10%. Għaldaqstant illum għandna persuni li qed jinkwetaw mhux biss għax qed togħla l-ħajja imma wkoll għaliex issa għandna sitwazzjoni fejn jista' jkun li l-ħajja tkompli togħla aktar minħabba dik li tissejjaħ l-EU Emissions Trading System (ETS).

Norman Aquilina li huwa ċ-Chief Executive Officer ta' Farsons Group qed jgħid li:

> "In-negozju u x-xogħol u l-għoli tal-ħajja rridu nieħdu ħsiebhom għaliex aħna gżira."

Sur President, ta' kuljum il-ħidma tiegħi mal-elettorat twassalni biex nifhem aktar il-bżonnijiet tal-poplu Malti u Għawdxi, imma mhux jien biss. Anke l-General Workers Union (GWU), li nirringrazzjahom ukoll tal-ħidma li jwettqu - u nittama li l-Ministru lill-GWU jagħti kashom - għamlu studju dettaljat dwar il-kwalità tal-ħajja. U xi tgħid il-GWU? Apparti li tgħid li se tpoġġi l-living wage fuq l-aġenda nazzjonali, skont Newsbook:

> "GWU calls for a national living income as of 2024 budget."

Issa ma nafx jekk il-Ministru jaċċettax x'jinkiteb fin-*Newsbook*, però fir-rapport tagħha - u nispera li l-Ministru għandu kopja tiegħu – il-GWU tgħidilna li persuna waħda bla tfal trid mill-inqas €14,864 biex tgħaddi ħajja diċenti. Nassigurak li huma għexieren dawk li ma jersqux lejn dan id-dħul. Bl-istess mod, dan l-istudju tal-GWU jgħid li llum koppja b'żewġt itfal trid aktar minn €30,000 għall-ħajja diċenti. Dan mhux qed ngħiduh aħna tal-Oppożizzjoni imma qed tgħidulhom il-GWU.

Dan kollu qed iwassal biex aktar persuni jkollhom jaraw x'jagħmlu biex jgħaddu u jlaħħqu mal-għoli tal-ħajja. Hemm familji kostretti li jiġru minn xogħol għal ieħor, forsi b'xi naqra part-time, bil-konsegwenza li t-tfal tagħna jiġu meħudin minn post għall-ieħor, minn childcare għal għand in-nanniet u għand il-qraba. Imma anke hawn il-Gvern tal-Labour, fost tant tberbiq u ħela, taf minn fejn qaċċat f'dan il-baġit? Qaċċat minn dik li hija l-Klabb 3-16, waħda mill-miżuri li kienet tajba u hija tajba! Dan il-Klabb 3-16 jiffaċilta li aktar persuni, speċjalment nisa, jidħlu fid-dinja tax-xogħol, imma dan il-Gvern naqqas il-flus għall-Klabb 3-16. Misskom tisħtu! Imma mbagħad għall-Manchester United u għan-Newcastle United għandna flus! Skużani, Onor. Robert Cutajar, imma ejjew nifhmu li għandna problemi kbar. (Interruzzjonijiet) Aħna ftaħnieh il-Klabb 3-16! Mhux se ninsewha! Però ħalli

mmur għal dak li huwa aktar importanti. Pereżempju, jien nistaqsi: Min minnkom huwa responsabbli għaċ-Child Development Assessment Unit? Wieħed jitfa' għand l-ieħor! Nitlob lill-Ministru tal-Politika Soċjali jgħidli, u l-istess lill-Ministru tal-Edukazzjoni. Min? Il-Ministru responsabbli mill-persuni b'diżabilità jew il-Ministru tas-Saħħa? Hu min hu, hi min hi, taf min ibati? It-tfal!

Nagħmel domanda wara oħra u ħadd mhu responsabbli. Sadanittant ibatu t-tfal tagħna. Din il-ħaġa għandha tittieħed bis-serjetà bħala Gvern. Għandhom jiltaqgħu l-erba' Ministri flimkien u jiddeċiedu, mhux taw €400 miljun lill-ħallelin u lill-korrotti tal-Vitals u ta' Steward, imbagħad għandna ċ-CDAU li għadu lura! (Onor. Membri: Hear, hear) Kieku għandkom it-tfal tagħkom li jmorru hemmhekk tistħu, anke minħabba l-fatt li jkun hemm numru ta' nies jistennew hemmhekk biex it-tfal tagħhom jingħataw appuntament.

Sur President, għadni kemm semmejt bosta problemi li qed tgħaddi minnhom is-soċjetà tagħna u nħoss li anke hawnhekk irrid nagħmel punt importanti ieħor. Inħoss li wara kważi 11-il sena ta' Gvern Laburista għad m'hemmx f'qalbu dak li qed iħoss il-poplu Malti fejn tidħol il-kwestjoni tal-għoli tal-ħajja. Il-Gvern suppost soċjalista jagħti ż-żieda għall-għoli tal-ħajja, imma x'jiġri? Anke fuq il-COLA għamlu taxxa! Il-Ministru għall-Finanzi jinsisti fuq iż-żieda li se jagħti lill-poplu Malti u Għawdxi, imbagħad jagħmillek it-taxxa fuqha! Dan huwa l-Partit Laburista! Din hija l-Malta Ġusta, u jien tkellimt fuq ċifri, tkellimt fuq rapporti u studji li jixhdu kemm hi ġusta.

Irrid ngħid ukoll li ma jistax ikun li min f'dan il-pajjiż irid jipprova jimxi 'l quddiem inżommuh lura. Minħabba l-kirjiet esaġerati u l-problemi kbar li qegħdin fihom, għandna anzjani u saħansitra tfal – u llum il-Jum Dinji tat-Tfal – li huma bla saqaf fuq rashom. Din hija realtà li bilkemm nitkellmu fuqha. Illum, 20 ta' Novembru, niċċelebraw il-Jum Internazzjonali tat-Tfal, niċċelebraw lil kull wieħed u waħda minn uliedna, mit-tarbija fil-ġuf sat-tifla li bgħatnieha l-iskola, sat-tifel li beda l-Università, l-ITS, l-MCAST, sal-ġuvintur u x-xebbiet tagħna. Ma jistax ikun li f'dan il-pajjiż għandna rapport ippubblikat mill-YMCA, li nsellmilhom minn hawnhekk għall-ħidma tant fejjieda li jagħmlu għall-komunitajiet tagħna, li jgħidulna li hemm 40 tifel u tifla taħt l-età ta' erba' snin ifittxu l-għajnuna fix-shelters tal-YMCA għaliex spiċċaw bla saqaf fuq rashom. Ħamsa aktar mill-2021! Din hija Malta Ġusta, li t-tfal tagħna m'għandhomx post fejn jorqdu, m'għandhomx saqaf u jkollhom imorru għand il-YMCA!

Issa se nikkwota *TheTimes of Malta* fejn sfortunatament jingħad li:

> "More children aged four and under are becoming homeless. YMCA Malta study reveals alarming figures of homeless in Malta."

Sur President, il-Membri tan-naħa l-oħra jħobbu jikkomparaw ma' dak li ġara qabel. Fl-2012 ebda tifel jew tifla taħt l-erba' snin ma spiċċa bla saqaf fuq rasu! (Onor. Membri: Hear, hear) F'għaxar snin aktar minn 500 spiċċaw f'din is-sitwazzjoni! Tal-biża' għalihom u tal-mistħija għalina bħala nazzjon! Ippermettuli nikkwota x'qal lill-ġurnali lokali l-Kap Eżekuttiv tal-YMCA Anthony Camilleri meta ħarġet din l-istatistika:

> "The fact that we are dealing with young families who are now becoming homeless sheds light on the structural injustice they face. Such a discovery should lead us to strenghten further the Maltese family structures, rent issues and the rising cost of living."

Din hija r-realtà ta' pajjiżna! Proprju ftit tax-xhur ilu l-YMCA fetħet drop-in centre ieħor din id-darba fil-Ħamrun, u fi ftit ġimgħat bejn 600 u 800 persuna fix-xahar imorru għall-għajnuna f'dan il-post. Din hija Malta ġusta?! Għandna realtajiet fejn nies jorqdu barra fil-parks u fil-ġonna. Dawn saru realtajiet, din hija inġustizzja soċjali!

Sur President, ara naħsbu li l-problema ta' tfal mingħajr saqaf fuq rashom hija l-unika waħda li għandhom it-tfal tagħna. Eluf ta' tfal tagħna għandhom quddiemhom futur inċert. Dan mhux qed ngħidu jien imma se nikkwota mir-rapporti. Ir-rapport tal-Università ppubblikat ftit tal-ġimgħat ilu jidentifika, u nikkwota bl-Ingliż biex żgur inkun leali lejn dawn is-sejbiet:

> "University research highlights very high percentages of child abuse cases and a very small percentage of individuals who do seek help with many deciding to seek help decades later."

"University research highlights very high levels of child abuse" f'pajjiżna, Sur President! Din hija s-sitwazzjoni li hemm bżonn naraw. Hawn fejn irridu nidħlu u nanalizzaw x'qiegħed jiġri. Skont dan ir-rapport f'dak li għandu x'jaqsam mal-abbuż tat-tfal, kien hemm kważi 600 każ fis-sena 2021, u fl-opinjoni tiegħi din hija biss the tip of the iceberg meta tqis li, kif jgħid it-tieni rapport, huma ftit ħafna dawk li jsibu l-kuraġġ u jirrapportaw dan l-abbuż.

Imbagħad fil-ġurnal tal-lum, Sur President, insibu hekk fuq il-front page ta' *The Times of Malta:*

> "We want to know that our sister had not died in vain."

Kienu qed jirreferu għal Bernice Cassar. Fuq Bernice Cassar nafu li ma tteħditx l-azzjoni. Forsi wieħed jgħid li pajjiżna fehem li rridu nimxu 'l quddiem. Imma jien illum nista' ngħid li każ ta' vjolenza domestika li qiegħed jiġri llum f'Novembru 2023, tafu meta se jinstema' fil-Qorti? Fit-30 ta' Jannar! Ikun hawn min jgħidli: U iva, xahrejn oħra! Dan mhux se jinstema' fit-30 ta' Jannar tas-sena d-dieħla, imma tas-sena 2025! Imissu jistħi dan il-pajjiż!. X'tgħallimna fuq il-vjolenza domestika? Hawn għandi l-każ quddiemi, u jekk xi ħadd irid ikun jaf, għandi l-ħin u kollox. Fit- 30 ta' Jannar 2025 biex nisimgħu każ ta' vjolenza domestika! Issa jekk din il-mara jiġrilha xi ħaġa sa dakinhar, imbagħad kulħadd ħafna biki u tgħażżiż tas-snien!

Ma smajna xejn lanqas fuq suġġett ieħor. Qed nirreferi għall-Conservatorio Vincenzo Bugeja. Jien nistaqsi: Jista' l-Ministru jgħidilna x'se jiġri mill-Conservatorio Vincenzo Bugeja? Għax li naf jien huwa li 36 ħaddiem ... (Interruzzjonijiet) Għidli mela! Mhux lili, imma lill-poplu Malti u Għawdxi, lil min qiegħed hemm ġew, lill-ħaddiema fil-Conservatorio Vincenzo Bugeja. Jirċievu n-notice 36 ħaddiem li se jittellqu 'l barra, u ħadd ma jitkellem xejn! Din hija l-politika soċjali?! Din hija l-ġustizzja soċjali! Hekk nittrattawhom lill-ħaddiema? Hekk nittrattaw dan is-suġġett!

Sur President, kemm għednielhom biex jieħdu ħsieb l-użu tad-droga f'pajjiżna! Meta tkellimt f'dan il-Parlament u għamilt mistoqsija parlamentari, il-Ministru tani dak li konna għamilna aħna fl-2008 fil-qasam tad-droga. Imbagħad ovvjament qal li għandna nagħmlu xi ħaġa u li nibdew konsultazzjoni pubblika. Imbagħad qal: Issa ejja nagħmlu diskussjoni fil-Parlament dwar l-użu tad-droga. Xahar u nofs wara l-Oppożizzjoni ħabbret li kienet se titlob lill-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali sabiex issir konsultazzjoni, imbagħad bdejna t-triq min-naħa tal-Gvern biex jaġġorna l-politika soċjali relatata mal-politika nazzjonali kontra l-użu tad-droga. Prosit! Tajjeb! L-użu tad-droga f'pajjiżna sploda fl-aħħar snin. Matul is-sena li għaddiet instabu mill-Pulizija madwar 3,000 kilogramm ta' kokaina b'valur ta' €386 miljun! Fl-aħħar sigħat, Sur President, din id-darba fil-ġurnal *Malta Today*, jingħad li:

> "Drug bust in Kalkara yields €300,000 worth of cocaine. Police have arrested a man and a woman caught red-handed in a 5kg cocaine deal worth over €300,000."

Mhux ta' b'xejn aħna ridna nagħmlu upgrade tal-politika soċjali fil-qasam tad-droga f'pajjiżna fejn nagħtu kemm jista' jkun saħħa lill-Korp tal-Pulizija, lil Sedqa u lil Caritas. Hemm fejn għandna ninvestu l-flus biex inħarsu lil uliedna. Dak huwa tajjeb. Hemm fejn irridu nitfgħu l-flus tagħna u mhux nitfgħu l-flus tagħna f'xi ċertifikat tal-benefiċċju soċjali li m'għandekx dritt għalih. Il-flus suppost imorru biex niġġieldu l-problema tad-droga u mhux f'xi skandlu bħal dan tas-serq tal-benefiċċji. Illum, il-*Malta Today* ippubblikat rapport intitolat:

> "HHC: The unregulated cannabis product popping up in retail outlets and vending machines."

F'din is-sitwazzjoni ġabuh lil pajjiżna fil-qasam tad-droga! Tista' tmur fil-ħanut u tixtri l-cannabis li trid! Din hija l-politika? Din hija Malta Ġusta? It-tfal tagħna jmorru fejn iridu għaliex skont dan l-artiklu:

> "The Authority for the Responsible Use of Cannabis has no legal remit to regulate these products."

Jekk hemm bżonn inbiddlu l-affarijiet ejjew inbiddluhom. Aħna min-naħa tal-Oppożizzjoni lesti li noħorġu jdejna u ngħinu f'dan il-qasam. M'għandna l-ebda problema li niġġieldu t-traffikanti tad-droga f'dan il-pajjiż għax dawk ikissrulna t-tessut tas-soċjetà u taż-żgħażagħ tagħna. L-iskandlu tas-serq tal-benefiċċji se jibqa' wieħed mill-bosta ċertifikati suwed ta' dan

il-Gvern, iżda ċertament l-akbar ċertifikat iswed huwa dan li qed isir fil-qasam tad-droga. Il-Ministru jaf li fuq livell personali għandi rispett kbir lejh, imma anke hawn irid jerfa' responsabbiltà u mhux jitfagħha fuq bord li qed jara x'għandu jsir u ma jsirx.

Hemm bżonn naraw li f'dan is-settur dawn l-affarijiet ma jerġgħu jiġru qatt, imma kif jaf il-Ministru, f'dan l-iskandlu hemm imdaħħla nies li huma viċin Kastilja u eks membri parlamentari Laburisti. Għalhekk min hemm fil-Ministeru u min hemm fid-Dipartiment irid jerfa' r-responsabbiltà għaliex dawn huma flus il-poplu, flus meħuda minn ħalq it-tfal tagħna. Dawn huma flus li ħadniehom minflok investejniehom fil-qasam tal-anzjani u fil-qasam tad-droga f'pajjiżna.

Sur President, dan is-suġġett iġibni għal suġġett ieħor importanti ħafna għal dak li għandu x'jaqsam ma' dan il-Ministeru; il-pensjonijiet. Nibda billi ngħid mill-ewwel li hemm deċiżjonijiet tal-Ombudsman li l-Ministru mhuwiex qiegħed jobdi. F'każ T0255 l-opinjoni finali min-naħa tal-Ombudsman dwar il-pensjonijiet turi ċar u tond li dawn għandhom raġun. Rakkomandazzjoni 30 tgħid hekk:

> "I am hereby sustaining this complaint. The complainants suffered discriminatory treatment when they were not given the same rights as others who were granted the Treasury Pension. They should therefore be accorded the same benefit from the date of retirement."

Sena ilu u għadkom m'għamiltu xejn dwarha! Issa veru li din hija rakkomandazzjoni. Imma allura issa lanqas lill-Ombudsman mhu qed tagħtu kas?! Kemm hija ġusta Malta? Fejn hija 'Malta Ġusta' ma' dawn in-nies? Ovvjament inħalli lill-poplu Malti u Għawdxi biex jiddeċiedi.

Sur President, rigward pensjonijiet - anke s-Segretarju Permanenti tkellem fuq *Facebook* dwar dan – fid-Diskors tal-Baġit intqal li qed jipprovaw jikkoreġu dak li ġara fl-2006. Taf x'kien jonqsu jgħid is-Segretarju Permanenti? Li fis-sena 2006 kien fi żmien Gvern Nazzjonalista! Biex inwaħħlu kollox fin-Nazzjonalisti! Hekk il-politika?! Fl-2006 saret riforma, u hawn ġibt it-tliet rapporti li saru biex saret ir-riforma fil-pensjonijiet u jkollna reviżjoni tal-pensjonijiet. Saret riforma fl-2010. Hawn hi! Taf min kien hemm fiha? Is-Segretarju Permanenti li għandna llum, is-Sur Musù! Kien hemm oħra fl-2015. Taf min kien hemm fiha, anzi din id-darba jmexxiha bħala ċ-Chairperson għall-grupp tal-istrateġija tal-pensjonijiet? Mark Musù, is-Segretarju Permanenti tal-lum li għażilt inti, Ministru!

Ir-riforma tal-2020, l-aħħar waħda li kien hemm, min mexxieha? Mark Musù! Allura tiġu tgħidulna llum, wara 11-il sena ta' Gvern Laburista, li se tirranġaw dak li sar fl-2006! Mela jew is-Segretarju Permanenti qal lill-Ministru x'għandu jagħmel u hu m'għamlux, kif qal ukoll is-Segretarju Ġenerali tal-UĦM, li mar jitkellem mal-Prim Ministru u l-Prim Ministru qallu li għalissa mhu se jmissu xejn fuq il-pensjonijiet ... Issa tiġu llum f'dan il-Baġit u tgħidulna li se tipprovaw tirranġaw dak li għamlu ħażin ta' qabilkom! Ilkom hemm 11-il sena, u jekk kien hemm xi ħaġa ħażina, naħseb li kellek is-Segretarju Permanenti li kien dejjem f'dawn il-gruppi ta' strateġija tal-pensjonijiet, li suppost qallek! Jekk ma qallekx, Ministru, mela aħjar toqgħod attent!

Fil-Baġit ingħad li ngħataw €15 żieda fil-ġimgħa lill-anzjani. Tajjeb imma hemm €12.81 minnhom li huma għall-għoli tal-ħajja. Mela inti x'tajthom żejjed lill-anzjani tagħna? €2.19! Issa jien se mmur lura għall-2008. Fl-2008 il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern - u jekk trid nagħtik oħrajn – ta żieda ta' €2.33 meta l-għoli tal-ħajja kien €1.16. Il-mekkaniżmu li ntuża dak iż-żmien rigward l-għoli tal-ħajja kien dak li għadna nużaw illum. Mela meta l-għoli tal-ħajja kienet €1.16 il-Gvern Nazzjonalista ta żieda ta' €2.33 oħra jiġifieri b'kollox wieħed kellu żieda ta' €3.49 u l-Gvern Laburista llum qal li tahom €15 li €12.81 minnhom huma għall-għoli tal-ħajja. Għaldaqstant anke hawn irridu nifhmu li ma tistax tibqa' tidħak bin-nies. Illum il-midja soċjali u l-gazzetti jikxfu l-qerq.

Sur President, fid-Diskors tal-Baġit ingħad hekk ukoll:

> "Mis-sena d-dieħla, għalhekk, dawk il-pensjonanti li twieldu qabel l-1962 u li s-salarju kurrenti tagħhom li kieku għadhom jaħdmu jaqbeż id-dħul pensjonabbli massimu tagħhom, se jkunu qed jirċievu żieda addizzjonali fil-pensjoni tagħhom li tvarja skont is-salarju."

Qed jingħad ukoll li se jikkwalifikaw 10,000 pensjonant. Ejjew niftakru li sal-aħħar ta' Settembru kien hemm 57,378 pensjonant taż-żewġ terzi. Allura min se jibbenefika minn din? Għaliex mhux is-57,378, kważi 58,000, kollha? Għaliex dawn l-10,000 biss? M'għamiltu xejn fi 11-il sena ta' Gvern Laburista u issa qed toħolqu żewġ klassijiet ta' pensjonanti. Allura naħseb li meta nitkellmu dwar il-pensjonijiet u nibdew ngħidu li l-Partit Nazzjonalista m'għamel xejn hija xi ħaġa li tridu tinsewha. Kien il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern ta' Lawrence Gonzi li ta ż-żieda sħiħa tal-COLA, u anke ta żidiet oħrajn li ma nistax nidħol fihom illum. Jekk ridtu tagħmlu xi ħaġa fil-pensjonijiet għal dawk li twieldu qabel l-1962 u ta' wara l-1962, kellkom għaxar snin sħaħ u m'għamiltu xejn! Issa qomtu u bdejtu tagħmlu xi ħaġa!

F'dan il-legat ta' għaxar snin ta' Gvern Laburista ma tistgħux tgħidu li din hija 'Malta Ġusta' għal kulħadd. Tafu fejn hu l-legat? Ir-rapport tal-Caritas isostni li d-differenza bejn il-fqar u s-sinjuri kibret u d-diżordni soċjali żdied. Mhux jien qed ngħidu dan imma l-Caritas. Dan għaliex kellna Gvern li seraq, li ħela u li berbaq il-miljuni għalxejn. Allaħares noqgħod insemmi l-iskandli kollha għax ma nispiċċax qabel għada.

Sur President, aktar 'il quddiem nixtieq inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-test tal-omelija li għamel l-Arċisqof Charles J. Scicluna waqt il-quddiesa f'Jum l-Indipendenza. L-Arċisqof Scicluna, f'parti minnha, jgħid hekk:

> "Ma rridux nagħmlu l-iżball li lill-fqar narawhom biss bħala benefiċjarji tal-kura u l-ġenerożità tagħna.
>
> Ma rridux inħeġġu lil dawk il-persuni li għaddejjin minn ċerti diffikultajiet biex japplikaw għall-'benefiċċji soċjali' li mhumiex intitolati għalihom u li sussegwentement jinkisbu b'mod qarrieqi. Dan, flimkien mal-prattika korrotta li ħafna drabi jġib miegħu, huwa att ta' serq min-Nazzjon tagħna u abbuż tas-sovranità li tant ħadmu għaliha missirijietna disgħa u ħamsin sena ilu."

X'ċertifikat agħar minn dan jista' jkollu l-Gvern? Li l-Arċisqof ta' pajjiżna jgħidilkom dan il-kliem:

> "... serq min-nazzjon tagħna u abbuż tas-sovranità ...".

Dan imur kontra kull prinċipju ta' 'Malta Ġusta'. Iżda quddiem dan kollu xorta għandi t-tama li pajjiżna jkun aħjar. Din it-tama jagħtuhieli l-istess nies li niltaqa' magħhom, li jibqgħu jfittxu huma stess soluzzjonijiet ta' kif se jtejbu ħajjithom. Imma dmiri, u dmirna bħala politiċi, huwa li nagħtuhom l-għodda biex ikunu jistgħu jagħmlu dan.

Sur President, minkejja kollox, jien nemmen f'pajjiżna, fin-nies tagħna l-Maltin u l-Għawdxin, fis-sidien tan-negozji u fil-komunitajiet tagħna. Sfortunatament ħafna mit-tajjeb li sar qiegħed jitfarrak fl-aħħar għaxar snin ta' Gvern Laburista. Iżda l-ispirtu Malti jagħtini kuraġġ. Jien ma narax biss il-mijiet ta' tfal li qed ikollhom jitgħallmu fil-containers iżda nara l-għalliema li b'passjoni kbira jibqgħu jagħtu lil uliedna l-edukazzjoni li tixirqilhom. Jien ma narax biss il-pazjenti li jingħataw il-kura fil-kurituri jew saħansitra f'dik li kienet kantina tal-istaff, iżda nara l-mijiet ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa li fl-eqqel tal-pandemija kienu fuq quddiem nett biex Malta ħarġet minn dik is-sitwazzjoni diffiċli. Ma narax biss it-traffiku li jsallabna kull filgħodu iżda nara l-isforzi tal-imprendituri żgħar u medji, bl-innovazzjoni, bl-ideat ġodda, li jibqgħu kompettitivi, jimirħu u jespandu lil hinn minn xtutna u jagħtu l-ħobża ta' kuljum lill-eluf ta' ħaddiema.

Ejjew ma naqtgħux qalbna quddiem dawn l-isfidi. Il-Partit Nazzjonalista huwa lest li jagħti direzzjoni lil pajjiż f'dan il-mument. Aħna se nkunu spalla ma' spalla mal-ħaddiema. Hemm qegħdin, spalla ma' spalla mal-familji, maż-żgħażagħ, mal-pensjonanti u mas-sidien tan-negozji biex kulħadd jikber u jikseb is-suċċess li jistħoqqlu. (Onor. Membri: Hear, hear)

Qabel nagħlaq, Sur President, nitlob il-permess biex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti li rreferejt għalihom fid-diskors tiegħi.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tabella bl-isem 'At risk-of-poverty or social exclusion rates (AROPE) by age group and sex';

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Times of Malta* fit-13 ta' Ġunju 2023 bl-isem 'One in three aged over 65 is at risk of poverty or social exclusion';

Profile tas-Sur Norman Aquilina, Group Chief Executive ma' Farsons Group;

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online *newsbook malta* fit-12 ta' Settembru 2023 bl-isem 'GWU calls for National Living Income ahead of 2024 Budget';

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online *General Workers Union Malta* fl-4 ta' Ottubru 2023 bl-isem 'GWU puts the living wage on the agenda';

Chart bl-isem Number of children under 4 referred to homeless shelters mill-YMCA Homeless Human Evolution study;

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online *Times of Malta* fit-8 ta' Marzu 2023 bl-isem 'More children aged four and under are becoming homeless';

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online tal-Università ta' Malta *Newspoint* fid-19 ta' Ottubru 2023 bl-isem 'Complexities of child abuse explored in new local study';

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online ta' *The Malta Independent* fit-18 ta' Ottubru 2023 bl-isem 'University research highlights 'very high' levels of child abuse in Malta';

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Times of Malta* fl-20 ta' Novembru 2023 bl-isem 'We want to know that our sister has not died in vain';

Ritratt ta' parti minn dokument ta' taħrika għat-30 ta' Jannar 2025 dwar każ ta' vjolenza domestika;

Kopja ta' ittra maħruġa mill-Conservatorio Vincenzo Bugeja Homes indirizzata lill-UHM datata 29 ta' Settembru 2023;

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online *maltatoday* fid-19 ta' Novembru 2023 bl-isem 'HHC: the unregulated cannabis product popping up in retail outlets and vending machines';

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online *maltatoday* fid-19 ta' Novembru 2023 bl-isem 'Drug bust in Kalkara yields €300,000 worth of cocaine';

Estratt ta' artiklu li deher fuq is-sit online *Times of Malta* fit-3 ta' Settembru 2023 bl-isem 'Revealed: Ex-Labour MP Silvio Grixti at centre of 'huge' benefit fraud racket';

Opinjoni Finali datata 31 ta' Ottubru 2022 mill-Ombudsman dwar ilment minn numru ta' għalliema li allegaw li rċevew trattament diskriminatorju fil-pensjoni tas-servizz (Każ Nru T-0255);

Tabella li turi l-Bagit għall-2008 imqabbel ma' dak għall-2024; u

Omelija tal-Arċisqof Charles Jude Scicluna li ngħatat fil-21 ta' Settembru 2023.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, illum qed jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji tat-Tfal. Għaldaqstant nixtieq nibda billi nawgura l-ġurnata t-tajba lit-tfal kollha filwaqt li nawguralhom ukoll li t-tfulija tagħhom tkun perjodu tassew sabiħ.

Nibda dan id-diskors billi nikkwota lill-mexxejja Indjana Indira Gandhi li kienet qalet li għandna nipproteġu lill-familja, għandna nipproteġu lit-tfal u nagħtuhom id-drittijiet tagħhom filwaqt li nħobbuhom. Qalet li għandna nieħdu ħsieb is-saħħa fiżika u mentali tagħhom. Għandna nassiguraw li ma jkunux ġew fid-dinja sabiex ibatu. Din hija stqarrija qawwija li żgur għandha ddaħħalna f'qoxritna sabiex nevalwaw x'qegħdin nagħmlu jew inkella x'm'aħniex qegħdin nagħmlu, jew mhux qegħdin nagħmlu biżżejjed, sabiex it-tfal tagħna jiġu ttrattati bl-aħjar mod. Dan jgħodd mhux biss għalina l-politiċi li bid-deċiżjonijiet li nieħdu nistgħu naffettwaw il-ħajja ta' uliedna, iżda jgħodd ukoll għall-ġenituri, għan-nanniet u għal dawk il-kustodji kollha li

għandhom ukoll taħt idejhom it-trobbija tat-tfal. Ngħid ukoll li jgħodd għall-professjonisti kollha li jaħdmu mat-tfal.

Sur President, il-Baġit li għadu kif ġie ppreżentat mill-Gvern huwa intitolat "Malta Ġusta". Dan mhuwiex ħlief slogan bħal ħafna slogans oħrajn li ħarġu fis-snin li għaddew, fosthom is-slogans "Tagħna Lkoll", "L-Aqwa Żmien", "L-Aqwa fl-Ewropa" kif ukoll "l-Aqwa fid-Dinja"! Minkejja dawn  is-slogans, il-fatti juru li Malta ma tantx hija ġusta ma' uliedha, mat-tfal tagħna. Dan joħroġ, pereżempju, mill-mod kif il-pajjiż qiegħed jittratta t-tfal li sfortunatament qegħdin jispiċċaw vittmi ta' abbuż.

Tfal vittmi ta' abbuż diġà jkunu għaddew minn tbatijiet kbar, imma kif kienet ikkwotata fil-gazzetta *The Malta Independent*, il-psikologa kif ukoll eks child protection officer Roberta Attard 15-il ġurnata ilu, hawn nuqqas kbir ta' faċilitajiet terapewtiċi kif ukoll residenzi permanenti li fihom jistgħu jitqiegħdu dawn it-tfal vulnerabbli li ovvjament ma jkunux jistgħu u m'għandhomx jibqgħu jgħixu fl-ambjent li fih huma jkunu ġew abbużati. Dan jikkonfermah ukoll l-Awditur Ġenerali fir-rapport li ħareġ fil-bidu tax-xahar ta' Novembru 2023, li jgħid li filwaqt li l-Foundation for Social Welfare Services (FSWS) ma pprovdietx l-istatistika mitluba dwar tfal li kellhom bżonn akkomodazzjoni alternattiva, joħroġ fiċ-ċar li għad hemm sfidi kbar f'dan is-settur.

Kif jista' jkun li f'pajjiżna qegħdin inkunu tassew inġusti ma' tfal li diġà għaddejjin minn tbatija kbira u minflok ngħinuhom qegħdin insabbtulhom ħafna bibien f'wiċċhom? F'dan il-Baġit jintqal li l-Gvern se jkun qiegħed jinvesti €5 miljun f'akkomodazzjoni alternattiva. Tajjeb li nkunu nafu kif dawn il-flus se jkunu qegħdin jaffettwaw b'mod pożittiv dawn it-tfal. Kemm minnhom se jintużaw għal residenzi tal- FSWS? Se jkompli jkollna aktar djar li jaqgħu taħt l-FSWS? Kemm minnhom se jintużaw għal residenzi li jmexxu l-NGOs? Dawn ir-residenzi se nkomplu nsaħħuhom jew se nagħtuhom il-flus biex ikollhom djar oħra? Saħansitra, kemm minnhom sejrin jintużaw biex tissaħħaħ l-alternattiva li t-tfal jiġu fostered? Kemm minnhom se jintużaw sabiex ikollna aktar programmi biex jiġi inċentivat il-fostering? Kemm minnhom se jintużaw fit-tisħiħ ta' għajnuna lil foster parents?

Forsi fl-aħħar se tinbena s-secure unit, il-faċilità terapewtika mniżżla saħansitra fil-liġi tal-minuri stess li għadna qegħdin nistennew? Ir-rapport tal-Awditur Ġenerali jgħid biċ-ċar li l-FSWS għandha żżid l-isforzi tagħha sabiex permezz tal-fostering tkun ta' għajnuna għal dawn it-tfal. Għalhekk jien nixtieq li nagħti vuċi kemm lil dawk il-ġenituri li b'tant imħabba huma foster parents għal dawn it-tfal iżda wkoll lit-tfal stess. Donnu kultant is-sistema qiegħda twarrabhom fil-ġenb u mhijiex qiegħda tagħtihom il-leħen li tant għandhom bżonn u li huwa obbligu li jingħataw. Din qed ngħidha bl-akbar responsabbiltà.

Sur President, fost oħrajn, nirreferi għall-importanza tal-permanenza, li tfisser stabbiltà fejn dawn jgħixu. Huwa minnu li issa għandna l-Minor Protection Act, u dan huwa tajjeb, imma għandna nassiguraw li mhux biss din qiegħda tissalvagwardahom iżda qiegħda sservi lit-tfal u għandha timminimizza l-effett negattiv fuqhom. Għandna sitwazzjonijiet fejn il-każijiet, meta jiġu quddiem il-Qorti tal-Familja, qed idumu sentejn sakemm jinqatgħu u sadanittant it-tfal jafu jkunu f'kura alternattiva, billi jkollhom jinqalgħu minn dak l-ambjent li jkun abbużiv jew li mhuwiex adegwat għalihom.

Imbagħad għandna każijiet fejn ġieli għaddew sentejn biex inqatgħu, u dan meta nafu li l-liġi stess tgħid li jridu jgħaddu sentejn oħra qabel ma tinqata' l-permanenza tagħhom, jiġifieri jekk imorrux lura għand il-ġenituri jew inkella jibqgħux fil-kura alternattiva. Jien inħoss li erba' snin huma twal wisq fil-ħajja tat-tfal qabel ma jiġi stabbilit b'mod permanenti fejn u ma' min sejrin joqogħdu, biex ma nsemmux ir-relazzjonijiet li dawn it-tfal jilħqu jibnu f'dan il-perjodu.

Fejn jidħol il-fostering nistaqsi għaliex il-bord tal-fostering, li jiltaqa' darba fis-sena, għadu jiltaqa' online.  Żgur naqblu li l-komunikazzjoni tkun aħjar meta ssir b'mod fiżiku.  Hemm każijiet fejn billi l-foster parents ikunu lejn tal-aħħar li jsejħulhom sabiex jidħlu quddiem il-bord biex jesprimu l-opinjoni tagħhom jew inkella jressqu l-ilmenti jew iċ-ċirkostanzi li jkunu għaddejjin minnhom, sakemm jasal il-waqt li jidħlu quddiem il-bord ġieli jgħidulhom biex jgħaġġlu għax ikun sar il-ħin. Żgur li dan mhuwiex il-mod li għandna nittrattaw lill-foster parents. Nappella wkoll biex ma nirreferux għalihom bħala services providers, għax il-foster parents għandhom jingħataw ir-

rikonoxximent li jixirqilhom. Naf li se jissemma li issa se jkun hemm bord ieħor li se jibda jara l-każijiet, però jien nawgura li dan ma jibdiex jiltaqa' wkoll online kif qiegħed jiltaqa' proprju l-bord preżenti.

Se nerġa' ndur fuq il-ġenituri li jiffosterjaw. Jien nemmen li meta koppja tiddeċiedi li taddotta lit-tfal li jkunu qegħdin magħha, din għandha tingħata l-għajnuna kollha. Dan ngħidu b'mod partikolari għall-foster parents li jkunu ilhom jiffosterjaw lil dawn it-tfal. Dawn ikunu saru parti integrali mill-familja tagħhom u allura m'għandhomx għalfejn jgħaddu mill-proċess twil ta' adozzjoni ġaladarba t-tfal ikun ilhom numru ta' snin jgħixu magħhom.

Barra minn hekk nipproponi wkoll li dawn il-foster parents jibqgħu jirċievu l-benefiċċji kollha marbuta mal-fostering anke wara l-adozzjoni. Dan għaliex l-adozzjoni mhijiex se tagħmel mirakli. It-trawmi, il-problemi u d-diffikultajiet tal-passat ma jisparixxux meta t-tifel jew t-tifla jiġu adottati. Aħna ta' din in-naħa nemmnu li dawn il-ġenituri jixirqilhom li jibqgħu jingħataw is-sostenn tas-soċjetà.

Jekk verament nixtiequ li s-servizz ta' kura alternattiva jissaħħaħ fl-aħjar interess tat-tfal, fosthom fil-fostering, l-evalwazzjoni u l-feedback huma essenzjali. Għaldaqstant nixtieq nirrakkomanda li tibda ssir laqgħa tal-inqas darba fis-sena bejn in-nies kollha involuti li jaħdmu mat-tfal jew li jkunu qegħdin jagħtu servizz biex iwasslu lill-Gvern jew inkella lill-awtoritajiet jew lill-entitajiet id-diffikultajiet li qegħdin jiltaqgħu magħhom u b'hekk inkunu qegħdin intejbu fejn hemm bżonn.

Kellmuni wkoll dwar diffikultajiet li qegħdin jiltaqgħu magħhom ġenituri li qegħdin jadottaw it-tfal. F'dan il-każ ukoll nixtieq inwassal il-karba tagħhom. Ikun tajjeb li nżid li dawk it-tfal li jiġu adottati minn barra pajjiżna, u allura ma jkunux ċittadini Maltin, dawn jingħataw iċ-ċittadinanza malajr kemm jista' jkun, jekk mhux mill-ewwel. Is-sitwazzjoni bħalissa hi li sabiex il-ġenituri jġibu ċ-ċittadinanza għal uliedhom li ġew minn pajjiżi barranin imma li issa qegħdin jgħixu hawn Malta jridu l-ewwel iħallsu lin-nutar għax-xogħol li jsir, imbagħad jistennew xhur għall-firma neċessarja. Biex inkomplu nikkumplikaw il-ħajja, bħalissa qed nistaqsu għal diversi dokumenti, fosthom dokumenti marbutin mas-saħħa kif ukoll employment history.

Irrid infakkar li kienet proprju wegħda tal-Partit Laburista, saħansitra kienet wegħda tal-Prim Ministru diżonorat Joseph Muscat, li fl-2019 kien iddikjara li l-liġi se tiġi emendata b'tali mod li tassigura li t-tfal adottati minn barra l-pajjiż awtomatikament jiġu mogħtija ċ-ċittadinanza ġaladarba jkunu adottati. Din il-wegħda kienet saret fost ħafna pompa u ftaħru li qiegħda tittella' l-ewwel konferenza nazzjonali dwar l-adozzjoni. Dan kien fl-2019. Għaddew erba' snin, imma kif jiġri f'ħafna każijiet, bejn il-kliem u l-fatti dejjem ikun hemm baħar jikkumbatti u għadu ma ġara xejn.

Sur President, nixtieq nistaqsi wkoll dwar x'qiegħed jagħmel il-Gvern f'dan il-Baġit sabiex jindirizza r-realtà li żvela l-istudju tal-YMCA li wera li f'għaxar snin 517-il tifel u tifla kienu bla saqaf fuq rashom. Nerġa' ngħid 517, numru li lanqas jitwemmen iżda dawn huma ċifri li huma verifikati. Din irrefera għaliha wkoll il-kollega tiegħi l-Onor. David Agius. Malta żgur li mhijiex ġusta ma' dawn it-tfal u lanqas mal-ġenituri tagħhom.

Punt ieħor li nixtieq inqajjem għax il-Baġit għal darba oħra ma jindirizzahx huwa ċ-child grooming. Din diġà tkellimt fuqha s-sena li għaddiet imma jiddispjaċini ngħid li bqajna fejn konna. Illum qegħdin ngħixu f'era fejn it-tfal jitwieldu jmissu mat-teknoloġija u mal-komunikazzjoni soċjali, u għaldaqstant wasal iż-żmien li l-liġi Maltija tagħmel reviżjoni tad-definizzjoni ta' child grooming. Nirrepeti li qegħdin ngħixu f'era diġitali fejn ħafna tfal iqattgħu s-sigħat imwaħħlin mal-mezzi soċjali, u wisq nibża' li ħafna tfal qegħdin ikunu f'riskju li jiġu abbużati, jekk mhux qed ikunu abbużati u ma nafux, għax kif jgħid ir-rapport tal-UNICEF, ħafna abbużi fuq tfal fuq l-internet jibqgħu mistura. Għaldaqstant, le, l-€10,000 li l-Gvern ħass li għandu jipproġetta sabiex jonfoq f'dan il-Baġit għall-programm BeSmartOnline żgur li mhuwiex biżżejjed sabiex nipproteġu lil uliedna fl-użu fuq l-internet.

Sur President, f'pajjiżna żgur li jinħass sew ukoll il-faqar soċjali u bla dubju dan jaffettwa lil ħafna tfal. Dan għaliex ħafna tfal qegħdin jispiċċaw ballun bejn il-ħafna koppji li qegħdin jisseparaw. Nafu li n-numru ta' separazzjonijiet bejn il-koppji, ikunux miżżewġin jew le, żdied u nafu wkoll li f'ċerti każijiet dawn il-każijiet jispiċċaw kumplessi ħafna. X'se jsir fil-konkret sabiex it-tfal ma jgħaddux mit-trawma kontinwa fejn

jispiċċaw vittma bla ħtija tad-deċiżjonijiet tal-ġenituri tagħhom? Kemm qed jiġi mħares id-dritt tat-tfal li jgħixu jew igawdu kemm lil ommhom kif ukoll lil missierhom?

Kemm se jiġi investit fil-Baġit f'xogħol li jara li ż-żewġ ġenituri jingħataw aċċess ekwu għat-tfal? X'miżuri se jittieħdu biex tiġi trattata din il-problema? X'investiment qiegħed isir biex il-professjonisti involuti kif ukoll il-Ġudikatura fil-Qorti tal-Familja jkunu mħarrġa għar-realtajiet moderni bħalma hi l-parent alienation li mhijiex faċli biex tikkonkretizza? Se nerġa' ngħid dak li għedt is-sena li għaddiet; li għandna tfal li llum qegħdin jikbru u l-ferita tas-separazzjoni tal-ġenituri tagħhom għadha fonda u tweġġa'. Ma jistax ikun li pajjiżna jibqa' jitlef ġenerazzjonijiet ta' tfal għax m'aħniex nirriformaw il-liġijiet tal-pajjiż għar-realtajiet tad-dinja tal-lum.

Sur President, se nitkellem issa f'isem ħafna ġenituri li qasmu l-inkwiet u t-tħassib tagħhom kif ukoll il-frustrazzjoni fuq is-servizz li joffri ċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) li huwa ċ-ċentru fejn isiru l-assessments dwar l-iżvilupp ħolistiku tat-tfal. Skont mistoqsija parlamentari li saret aktar kmieni din is-sena hemm 4,107 tfal li jieħdu diversi servizzi. Irridu ngħidu li dan huwa numru sostanzjali. M'iniex se nidħol fl-argument kif daħal il-kollega tiegħi l-Onor. David Agius dwar taħt min jaqa' dan iċ-ċentru, imma żgur li min hu responsabbli għad-drittijiet tat-tfal għandu interess li naraw x'inhu jiġri f'dan iċ-ċentru u jkun hemm sinerġija bejn il-Ministeri konċernati. Jekk verament irridu nkunu ġusti mat-tfal irridu nassiguraw li l-faċilitajiet tat-tfal li għandhom bżonn dan is-servizz ikun mill-aħjar. F'Għawdex dan is-servizz għadu wegħda, filwaqt li f'Malta l-binja nnifisha tas-CDAU mhijiex adattata għaż-żmenijiet tal-lum.

Il-waiting list hija waħda twila u t-tfal idumu wisq jistennew sabiex ikollhom l-ewwel appuntament u mbagħad biex ikollhom il-follow-up appointments. Nixtieq li hawn niċċaraw l-affarijiet darba għal dejjem biex ma noqogħdux nilagħbu bil-kliem u nidħku bin-nies billi ngħidu li m'hemmx waiting list. Ngħidu li m'hemmx waiting list għax it-tfal ikunu ngħataw appuntament għal sitt xhur wara! Dawn it-tfal qegħdin jistennew sitt xhur jew sebgħa għal dan l-assessment, sadanittant ma jkunux jafu x'għandhom u allura ma jkunux qed jirċievu t-trattament. Ilkoll nafu kemm huwa importanti li problema fit-tfal tinqabad mill-aktar fis sabiex niżguraw l-iżvilupp totali tal-potenzjal tagħhom.

Kulħadd japprezza li sitt xhur fil-ħajja ta' tifel jew tifla żgħira huma ħafna. In-nuqqas ta' proviżjoni u servizz fil-ħin huwa l-ikbar disservizz li qed isir ma' dawn it-tfal. Għaldaqstant Malta żgur mhijiex ġusta ma' dawn it-tfal u mal-ġenituri. Hawnhekk jien qiegħda nsemmi ġenituri li jkunu inkwetati ħafna. U le, mhux kulħadd jaffordja li jieħu t-tfal tiegħu sabiex jiġu assessjati b'mod privat jew inkella jingħataw it-terapija b'mod privat. Le, Malta ġusta żgur li ma tippermettix li dawn it-tfal ma jibqgħux lura u li l-ġenituri ma jibqgħux ibatu.

Qabel nagħlaq id-diskors tiegħi bilfors irrid insemmi l-kwestjoni tas-social workers, professjonisti ewlenin fil-qasam soċjali. Dan huwa kruċjali għall-ħarsien tat-tfal speċjalment dawk vulnerabbli. Iva, nifhem li forsi se jkun hawn min mhux se jieħu gost li jien se nerġa' nsemmi s-social workers għax il-verità hi li qabel ma tajt vuċi f'dan il-Parlament fuq dak li kien qiegħed jiġri, il-professjoni ta' social worker kompliet ġiet mhedda b'deċiżjonijiet li ttieħdu minn dan il-Gvern li kienu quick fix solution u li m'għamlu l-ebda ġieħ sabiex tissolva l-problema tan-nuqqas ta' social workers.

Sur President, nixtieq nagħmilha ċara li huwa d-dmir tagħna bħala politiċi, u bħala rappreżentanti tal-poplu li nitkellmu f'isem in-nies, li nitkellmu f'isem il-professjonisti, speċjalment meta dawn ikunu avviċinawna huma stess biex inwasslu l-karba tagħhom għax ikunu diġà marru għand il-Gvern, u minkejja li vera tahom widen, xorta għadhom ma tteħdux passi konkreti. M'għandniex ngħidu li għax qegħdin nitkellmu fuq din il-kwestjoni qegħdin nagħmluha ballun politiku. Daqstant ieħor huwa d-dritt tagħna li nressqu mistoqsijiet parlamentari. Meta risposta tingħata fil-Parlament, meta dokument jitpoġġa fuq din il-Mejda tal-Kamra bħala parti mir-risposta, dan kollu qiegħed isir fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Għaldaqstant ma jiġix xi ħadd jgħidilna biex immorru nsibu l-informazzjoni fuq website jew inkella f'xi rapport annwali!

Sur President, bi ftit rieda tajba din il-kwestjoni tas-social workers tista' tiġi riżolta, u dan huwa dak li jien qiegħda nawgura u nappella li jsir. L-istakeholders ewlenin iltaqgħu mal-Gvern għal darba, darbtejn, tlieta u ressqu diversi proposti u

suġġerimenti. Sfortunatament mill-proposti kollha - u kien hemm biżibilju - iddaħħlet biss l-inċentiva taż-żieda fl-istipendju ta' min jistudja u jieħu kors fil-professjoni soċjali. Anke hawn rajna li r-rieda kienet daqsxejn majnata għax ikolli ngħid li ddaħħlet tard għax il-korsijiet kienu diġà bdew meta tħabbret din iż-żieda. Meta jara dan wieħed bilfors jibda jistaqsi kemm hemm rieda biex insibu soluzzjonijiet.

Għal darb'oħra nixtieq nappella biex aktar proposti jew inċentivi li ġew imressqa mill-istakeholders ewlenin jiġu implimentati b'mod kostruttiv. Aħna minn din in-naħa qegħdin inħeġġu lill-Gvern sabiex jieħu on board żewġ suġġerimenti ewlenin li se nispjega. Għandna l-ewwel ħaġa ndaħħlu career progression scale. Bħalissa nafu li min jidħol għall-professjoni ta' social worker jasal biss sa Professional Social Worker II. Issa jien qed ngħid li għandna ndaħħlu skala li tista' tasal sa speċjalist, u din tista' tinkiseb kemm bil-kwalifiki kif ukoll bl-esperjenza.

Nemmen li dan se jkun inċentiv li jolqot żewġ naħat. Bih se tinċentiva l-ewwel nett lill-istudenti meta jmorru jaraw liema kors se jagħżlu u se jaraw fejn dik il-professjoni se twassalhom. B'dan il-mod inkunu qegħdin inħajru aktar studenti biex jidħlu għall-kors ta' social work fl-Università. Barra minn dan se tippreżerva lis-social workers attwali li jagħżlu li jibqgħu frontliners, li jibqgħu jaħdmu u li jibqgħu hemmhekk u mhux jagħżlu li jmorru għall-management għax dak huwa l-uniku post li hemm biex forsi jistgħu jkomplu javvanzaw fil-karriera tagħhom.

It-tieni suġġeriment li nixtieq nagħmel huwa sabiex jinħarġu sejħiet għal social workers irtirati li jkunu mħajrin li jagħmlu social work għal ftit sigħat fil-ġimgħa. Hawnhekk żgur li nkunu qegħdin nużaw riżorsa li nistgħu ngħidu li bħalissa hija mitlufa, li bl-Ingliż ngħidulha dormant.

Sur President, wasalt fl-aħħar tad-diskors tiegħi u wasalt ukoll biex nagħmel il-konklużjoni tiegħi. Nawgura u nappella li wħud mis-suġġerimenti li għamilna llum hawnhekk jittieħdu mill-Ministru. Bdejt id-diskors tiegħi billi għedt li t-tfal huma prezzjużi u li kemm jista' jkun m'għandhomx ibatu. Nagħlaq billi nappella li għandna nkunu aħna li nassiguraw li nieħdu ħsieb is-saħħa fiżika, mentali u psikoloġika tat-tfal tagħna. Nappella sabiex nassiguraw li uliedna jiġu mħarsa minn kull periklu u li pajjiżna joffri ambjent san fejn it-tfal tagħna jikbru bl-aħjar mod. (Onor. Membri: Hear, hear) B'hekk biss nistgħu naċċertaw ruħna li s-soċjetà tal-lum u ta' għada tkun waħda ġusta ma' uliedna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Bartolo.

**ONOR. IVAN BARTOLO:** Sur President, insellem lil kull min hawn fil-Kamra, b'mod speċjali lil dawk il-ġentlomi li kontinwament naħdem magħhom f'dan is-settur. X'idea kellu l-Gvern Laburista li jressaq dan il-Baġit proprju fit-30 ta' Ottubru! Spot on mal-Halloween, imma minflok trick or treat, dan huwa baġit ta' trick and treat, baġit ta' ħafna ċejċa, ta' ħafna treats, imma ma' kull treat hemm ħafna tricks! Ma' kull ċejċa hemm realtà ta' Gvern li qed jipprova mingħalih jgħaddina minn għajn il-labra. (Onor. Membri: Hear, hear) Dawk fil-klassi medja u b'mod speċjali dawk li huma fil-faqar diġà nefqu dak kollu li tahom għall-għoli tal-ħajja. Kulma għamel il-Gvern huwa li dewwa ftit mill-għafsa kbira li l-poplu ħass f'dawn l-aħħar sentejn. Dak li qed jagħti l-Gvern ġej kollu mid-dejn li issa jridu jħallsu għalih uliedna. B'dak li qed jagħti lill-faxxa t'isfel xorta qed iħallihom taħt il-poverty line.

Sur President, fil-ftit ħin li għandi nixtieq niffoka fuq l-abbandun ta' gruppi u safef li jinsabu għaddejjin ħażin u ħadd mhu qiegħed jirrikonoxxihom. Nirreferu għalihom fid-diskorsi tagħna, imma bejn kliem u fatti hemm baħar jikkumbatti. Meta tagħmel anke mistoqsijiet parlamentari ikun hemm ħafna tidwir mal-lewża – u hawn mhux qiegħed nirreferi għall-Ministru konċernat imma għall-Ministri kważi kollha – bl-iskuża li ma jkollhomx biżżejjed informazzjoni jew inkella jgħidulek li dik hija informazzjoni sensittiva anke jekk il-mistoqsija parlamentari tkun waħda ġenerika.

Din mhijiex Malta ġusta. Għall-kuntrarju, din hija mġiba li ġġelled u tifred poplu minħabba loqma jew oħra għaliex filwaqt li hemm min jiekol bi tlett iħluq, jeżistu oħrajn li jraqqgħu dak li għandhom bil-loqma. Qed nirreferi għal min iħossu jeżisti u mhux jgħix. Qed nirreferi wkoll għal persuni li jsofru minn kondizzjonijiet bħall-fibromyalgia, fost oħrajn. Il-fibromyalgia hija sfida iebsa b'uġigħ kontinwu li kważi ħadd ma

jemmnek dwar dak li jkun għaddej minnu. Torqod kemm torqod qatt ma tiġi f'tiegħek biex tkompli l-ħidma tiegħek tal-ġurnata. Sitwazzjoni li m'għandekx kontroll fuqha u tispiċċa ħafna drabi taqa' anke f'dipressjoni. Ikun hemm min jassoċja din l-isfida ma' sfidi mentali bħallikieku dak li qiegħed jgħid huwa minħabba s-saħħa mentali li wieħed qiegħed iġorr.

F'din il-Kamra żgur li kulħadd iltaqa' ma' persuni li għandhom din l-isfida. Ikun hemm minnhom jagħmlulek kwarta xogħol għax ma jkunux jifilħu għal aktar u wara jkunu jridu jidħlu tliet sigħat fis-sodda biex jerġgħu jġibu lura saħħithom. It-temp tax-xitwa riesaq. It-temp tax-xitwa jkissirhom, l-istorbju u d-dawl ta' barra jispiċċa jdejjaqhom. Uħud minnhom ikollhom anke jieqfu jaħdmu kmieni minkejja li jkunu ippjanaw li jibqgħu jaħdmu anke sa forsi wara s-sena tal-irtirar. L-ewwel nett għaliex ikunu kapaċi f'xogħolhom u, it-tieni, għax il-pajjiż għandu bżonn nies ta' esperjenza, nies li jagħtu kontribut.

Dawn in-nies ikollhom jagħmlu dak li mhux mistenni minnhom. Ħajjithom tieqaf mhux għax iridu huma imma minħabba li l-kondizzjoni li jien qed insemmi - u hemm kondizzjonijiet oħrajn - tħallihom bla saħħa. Allura addio s-salarju li jista' jkun komdu għall-għajxien fil-ġurnata tal-lum, aħseb u ara - u nixtieq nagħmel aċċenn għalihom f'dawn l-għaxar minuti li għandi – għal dawk li għandhom salarju minimu u għaddejjin minn din is-sitwazzjoni. Persuni esperti fil-qasam mediku għadhom imħawdin dwar din il-kondizzjoni. Fl-isfond ta' dan kollu l-WHO jirrikonoxxu l-fibromyalgia bħala uġigħ kroniku mifrux illi la huwa issue mentali u lanqas newroloġiku. Id-dipressjoni u l-burdata huma frott ta' uġigħ u għeja kontinwa.

Sur President, qabel inkompli nixtieq insemmi wkoll artiklu intitolat: "Are you eligible for a payment originally intended for low income homes?" Din hija intervista lill-ħabib tiegħi s-Segretarju Permanenti Mark Musù, li kienet proprju dwar l-għoti tal-assistenza għal dawk vulnerabbli, u nikkwota:

> "Weekly income is not to exceed €208.15 for couples and €184.24 for single persons."

U jkompli:

> "Musù explained that the benefit will be given to those who earn less than the median income which stands at €18,155."

F'dan il-każ sar case study u jien se nżomm l-ismijiet li ntużaw biex inżomm mal-oriġinalità ta' dawn il-case studies.

> "If Rachel receives €4,357 (which is under the poverty line) she will receive €378.30 in a year."

Jgħid ukoll li:

> "If two pensioners receive €10,000 between them they will receive a minimum grant of €467."

Napprezza jekk fid-diskors tiegħu l-Ministru jgħidilna jekk hux bejniethom jew inkella jekk hux għal kull ras, għax jekk bejniethom, se jaqilgħu ferm inqas mill-case study li ngħata l-isem Rachel. Inkompli naqra u nikkwota minn dan l-artiklu:

> "In contrast, if Steve receives €18,155 which is the median income, he will receive a minimum of €100."

Mela fil-proporzjon ta' Rachel kull pensjonant għandu jirċievi €323. Allura jekk hemm median income stabbilit ta' €18,155 jew inkella €349.14 fil-ġimgħa, għalfejn l-istess Dipartiment jikkwota mill-istess income ta' €208.15c? F'din l-istess intervista li ta lil *The Times of Malta* l-ħabib tiegħi s-Segretarju Permanenti Mark Musù jammetti li anke persuni li mhumiex vulnerabbli se jirċievu l-għotja. Prosit u hekk għandu jkun, però jiġuni f'moħħi koppji li għandhom pensjoni waħda ta' €200.75 fil-ġimgħa. Dan mhuwiex każ uniku. Hemm ir-raġel bil-fibromyalgia li jixtieq jibda dieta biex anke jonqoslu l-uġigħ, u jixtieq jattendi għal sessjoni ta' pool u acupuncture skont kif issuġġerewlu l-professjonisti. Imma b'din il-pensjoni kif tista' tasal għal dan kollu li semmejt, apparti affarijiet oħrajn li trid tixtri anke minn butek, fost oħrajn ingwent għall-għajnejn li jixxuttaw għax dawn ikollhom dawn is-sitwazzjonijiet. Mela f'Malta ġusta li qed jiftaħru biha aħna spiċċajna pajjiż li nokorbu! Jekk dejjem ħdimt, għaliex għandek tiċċaħħad minn din il-kura u mill-benesseri soċjali tiegħek? Biex tgħix tajjeb trid spiża, u allura, Sinjuri ħbieb tiegħi tan-naħa l-oħra, tagħtux tort lil min

għaddej ħajja iebsa li jissummaw quddiem slogan bħal dan ta' 'Malta ġusta'! Il-poplu, Sur President, mhux diskorsi twal bi kliem sabiħ irid iżda li jitwettaq dak li kien imwiegħed, għax ħafna drabi dawk li huma fil-faxxa ta' taħt, l-idea f'moħħhom hi li dak li jwiegħed il-Gvern ma jwettqux. (Onor. Membri: Hear, hear).

Fl-aħħar nett nitlob il-permess biex inqiegħed id-dokument li rreferejt għalih waqt id-diskors tiegħi fuq il-Mejda tal-Kamra.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. IVAN BARTOLO:** Sur President inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *TheTimes of Malta* fl-1 ta' Novembru 2023 bl-isem 'Are you eligible for a payment originally intended for low-income homes?'.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Albert Buttigieg.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, waħda mill-espressjonijiet komuni li ħafna drabi ngħidu hija li jekk trid tgħin persuna għall-ġurnata, allura lil dik il-persuna trid tagħtiha tiekol ħuta imma, min-naħa l-oħra, jekk trid titmagħha kuljum, trid tagħtiha mhux biss il-ħuta imma trid tagħtiha wkoll il-qasba u tgħallimha tistad. B'hekk l-għajnuna ma tkunx biss għall-ġurnata, issa u llum, imma tkun għall-ħajjitha kollha.

Fil-qosor, dan l-eżempju li ġibt tal-qasba u tal-ħuta huwa biex niddeskrivi żewġ skejjel ta' ħsieb dwar il-politika soċjali li hija r-ruħ ta' kull politika. Għal xi wħud il-politika soċjali, jiġifieri dik il-politika li twieżen u tgħin lill-persuni li huma vulnerabbli, hija biss li toffri għajnuna immedjata. Wieħed jara x'għandu bżonn dak li jkun fil-mument u turih l-appoġġ kollu meħtieġ. Xi drabi din it-tip ta' politika hija tajba u neċessarja għax twassal l-għajnuna proprju fil-mument li wieħed ikollu bżonnha. Żgur taqblu lkoll miegħi li persuna li tkun tinsab bil-ġuħ tippreferi ħuta milli qasba imma - u hawn li nixtieq inpoġġi l-"imma" tad-diskussjoni kollha - min-naħa l-oħra, hemm linja ta' ħsieb li din it-tip ta' politika soċjali li tagħti l-ħuta għandha l-limitazzjonijiet tagħha għaliex ma tarax il-kawża tal-vulnerabilità u ma tistaqsix għaliex dik il-persuna tinstab fejn tinstab.

Din it-tip ta' politika tbati biex toffri s-soluzzjoni aħħarija ħalli din il-persuna toħroġ mill-vulnerabilità tagħha u tagħtiha s-saħħa biex tqum fuq saqajha. B'din il-politika soċjali li tagħti l-ħuta, il-persuna tibqa' tiddependi fuq l-għajnuna offruta u allura sfortunatament din id-dipendenza tista' twassal ukoll għal ċertu abbuż ta' kontroll, jiġifieri min ikun qiegħed jipprovdi l-ħuta jkollu ċertu kontroll fuq dik il-persuna. B'dan il-mod din il-persuna vulnerabbli tispiċċa kkontrollata proprju minn dik il-persuna li tkun qiegħdha tgħinha. L-esperjenza turina li l-persuna vulnerabbli tibqa' tallaba għall-karità, għall-ġenerożità, għall-ħniena ta' ħaddieħor u allura nkomplu bil-kultura ta' grazzi Ministru, prosit Ministru!

Min-naħa l-oħra l-politika soċjali li tgħallem lill-persuna biex tistad hija dik il-politika soċjali li waqt li tagħraf id-diffikultajiet u l-bżonnijiet ta' dik il-persuna, fl-istess ħin toffri l-opportunitajiet kollha biex dik il-persuna vulnerabbli tqum tassew fuq riġlejha u tbiddel is-sitwazzjoni tagħha. Din hija tip ta' politika soċjali li toffri mhux biss il-ħuta imma wkoll il-qasba, jiġifieri toffri l-mezzi, l-opportunitajiet u l-inizjattivi kollha biex tagħmel proprju din il-bidla fil-ħajja tagħha.

Issa jekk persuna trid tqum u ma tibqax persuna vulnerabbli għandha bżonn tkun taf il-kawża u x'tista' tagħmel. X'nista' nagħmel jien biex ma nibqax f'din is-sitwazzjoni u nista' nħares 'il quddiem? Il-politika fejn inti tgħallem lill-persuna tistad, biex nibqgħu nużaw dan l-eżempju, hija bbażata ħafna fuq dak li ngħidulu empowerment, jiġifieri li tagħti l-motivazzjoni u l-opportunitajiet kollha meħtieġa lil dik il-persuna.

Sur President, jien persuna li ilni għal dawn l-aħħar 35 sena naħdem fil-qasam soċjali taħt kappell jew ieħor, u nemmen li fil-politika soċjali għandna żewġ modi li huma tajbin: kemm li toffri l-ħuta kif ukoll li tgħallem lill-persuna tistad. Filwaqt li nirrikonoxxi l-importanza ta' dawn iż-żewġ linji ta' ħsieb, mill-esperjenza anke fil-ħidma tiegħi f'dan il-kamp nemmen li għandna nagħmlu sforzi akbar biex immorru fuq it-tieni għażla ta' ħsieb ta' politika soċjali, jiġifieri li aħna nwieżnu l-affarijiet biex nagħtu l-

empowerment lill-persuna biex tqum fuq riġlejha u tbiddel il-ħajja tagħha. Għaliex x'jiswa, Sur President, li persuna tagħtiha għajnuna għal ġurnata jew tnejn imbagħad tħalliha fl-istess stat? Pereżempju, x'jiswa li wieħed tagħtih is-sostenn għal ġurnata jew għal tnejn imma mbagħad dan jibqa' b'ċerta dipendenza, pereżempju ta' addiction jew ta' imġiba li ma tkunx pożittiva? Xi tkun għamilt biex dik il-persuna ma tibqax proprju f'dik is-sitwazzjoni? Jien nemmen li filwaqt li għandna nipprovdu s-sostenn għandna wkoll nagħtu l-istrutturi meħtieġa biex persuna tqum fuq saqajha.

Forsi dak li jkun jistaqsi: Imma dan x'irid jgħid biha meta jitkellem fuq il-ħut u fuq il-qasba? Qed inġib dan l-eżempju għaliex f'dan il-Baġit kien hawn ħafna miżuri soċjali li fihom infushom huma tajbin għaliex huma ta' għajnuna għal ċerti kategoriji ta' nies, u naħseb li nkunu skorretti jekk ngħidu li mhumiex tajbin, imma sfortunatament inħoss, - u din ngħidha b'ċerta onestà - li l-Gvern donnu aktar jagħti enfasi li jkun ta' sapport billi sempliċement joħroġ il-flus u jagħmel dak li bl-Ingliż jgħidu 'throwing money to the problem'. Issa ovvjament il-flus u s-sostenn finanzjarju huma importanti u ma rridx niġi miftiehem ħażin però mbagħad ma ssolvix il-problema billi sempliċement tipprovdi l-flus. Inħoss li l-Gvern aktar ta importanza li jkun ta' sapport finanzjarju li forsi mbagħad ikollna nħallsuh mad-dejn nazzjonali - imma dak huwa argument ieħor - imma ma nkunux solvejna l-problemi tan-nies vulnerabbli. Jien nippreferi li nagħtu l-qasba biex wieħed jistad, biex inkompli b'din l-analoġija.

Ħalli nġib eżempju għax forsi jkun hemm min mhux qed jifhem dak li qed nipprova ngħid. Pereżempju, il-Gvern ftaħar u qal li l-pensjonanti kellhom żieda ta' €15 meta nafu li fir-realtà ż-żieda hija biss ta' €2.19 għaliex it-€12.81ċ l-oħra huma l-COLA li ta lil kulħadd. Filwaqt li ta din iż-żieda lill-pensjonanti u kien hemm ir-reklami dwar dan, f'dan il-Baġit naqas li jindirizza diversi sfidi u diffikultajiet li għandhom l-anzjani, fosthom tas-solitudni, tal-mediċini out of stock u li mhumiex fuq il-formolarju, tas-servizzi fil-komunità, tad-djar tal-anzjani, tan-night u d-day shelters, tal-mobilità u tas-saħħa mentali.

Fl-istess Baġit il-Gvern jammetti li hawn 'il fuq minn 200 persuna li huma f'riskju tal-faqar u se jagħtihom ukoll żieda addizzjonali tal-COLA għax ma jaqilgħux aktar minn €18,000, imma mbagħad ma jagħmel l-ebda tentattiv biex jara għalfejn dawn il-persuni jinstabu proprju f'dan l-istat. Jiftaħar bil-paga minima, imma mbagħad m'hemmx riżors ta' kif se jkun hemm il-job mobility, donnu lin-nies qed jgħidilhom biex jaspiraw li jibqgħu fuq il-paga minima.

Fil-qosor, Sur President, dan il-Baġit kien baġit li joffri biss il-ħuta, u għalkemm il-ħuta hija tajba u meta tkun bil-ġuħ il-ħuta tapprezzaha, imma bil-ħuta ma tistax timla żaqqek għal kull jum. Filwaqt li nagħraf li kien hemm punti tajbin f'dan il-Baġit, fl-istess ħin inħoss li kien hemm nuqqas ta' viżjoni għal soluzzjonijiet. Is-soluzzjoni aħħarija għandha tkun li jkollna ekonomija ta' kwalità li toffri mhux biss pagi ta' kwalità imma tindirizza wkoll il-problemi serji strutturali li għandna f'dan il-pajjiż. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Galea.

**ONOR. GRAZIELLA GALEA:** Sur President, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal jista' jitqies bħala l-Ministeru li jirrikorru għandu dawk il-persuni li għal xi raġuni jew oħra jsibu ruħhom f'diffikultajiet soċjali biex jipprovaw itejbu l-kondizzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum tagħhom u tal-familjari tagħhom. Nafu li hemm diversi servizzi li jingħataw, però nemmen li hemm bżonn aktar kordinazzjoni bejn il-ministeri differenti. Qed ngħid dan għaliex is-servizzi, għalkemm huma diversi, huma mifruxa fuq diversi dipartimenti u awtoritajiet u għalhekk fuq diversi ministeri.

Pereżempju, hemm il-Ministru għall-Edukazzjoni, il-Ministeru għas-Saħħa u l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Promozzjoni tad-Drittijiet tal-Konsumatur, fost ministeri oħrajn li flimkien mal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal joffru numru ta' servizzi lill-istess persuni. Huwa importanti li kemm jista' jkun dawn il-ministeri jaħdmu flimkien biex min qiegħed ifittex servizz ma joqgħodx jiġri min-naħa għal oħra, imma jkun jaf fejn għandu jmur.

Issa nixtieq nitkellem dwar il-pensjonanti. Jien mhux se nsemmi l-ħlas tal-pensjoni għaliex dan diġà tkellmu dwaru sħabi. Se nsemmi s-servizzi li jingħataw lill-pensjonanti li għandhom ikomplu jitjiebu. Qed ngħid dan kemm għall-anzjani li fil-fatt jgħixu fid-dar tagħhom kif ukoll għal dawk li jgħixu f'xi djar tal-anzjani jew inkella f'xi

istituzzjoni oħra sabiex verament ikollhom l-ogħla livell ta' ħajja possibbli. Ħalli nsemmi eżempju żgħir li huwa dwar il-mediċini b'xejn li jingħataw mill-POYC lil diversi persuni, inkluż lill-anzjani. Nafu li din il-persuna jew inkella l-qraba tagħha jridu jmorru l-uffiċċju tal-POYC ġewwa l-Isptar San Luqa biex fil-fatt jibdew jingħataw dawn il-mediċini. Hawnhekk nistaqsi jekk ikunx possibbli għal anzjan li jagħmel dan. Jew inkella għaliex iridu jmorru l-qraba tiegħu biex jagħmlu dan minflok jintużaw il-mezzi elettroniċi li għandna llum, speċjalment jekk l-anzjan ikun qiegħed rikoverat ġewwa l-isptar ta' pajjiżna jew inkella jkun għadu kemm ħareġ minn dan l-istess sptar?

Hemm affarijiet oħrajn li għalkemm jidhru żgħar jagħmlu differenza kbira fil-ħajja ta' dak li jkun. F'Ġunju tas-sena l-oħra għamilt mistoqsija parlamentari dwar jekk huwiex possibbli li jitneħħa n-numru tal-IBAN minn fuq id-dokument meta anzjan jirċievi l-informazzjoni dwar l-ammont u d-dati tal-ħlas tal-pensjoni sabiex ikun hemm aktar privatezza. Ftit xhur wara mbagħad f'mistoqsija parlamentari oħra ġejt informata, u hawnhekk nikkwota:

> "Mit-12 ta' Settembru, 2022 in-notifiki maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali m'għadux ikollhom in-numru tal-kont bankarju IBAN indikat kollu imma parti minnu biss."

Dan żgur li huwa pass 'il quddiem. Din id-differenza żgħira fissret ħafna għall-anzjani. Però rridu naraw li diversi punti li ssemmew jew inkella li se jissemmew mill-Oppożizzjoni jittieħdu inkonsiderazzjoni wkoll bħal f'dan il-każ u jiġu implimentati fejn ikun possibbli.

Aktar kmieni semmejt il-kordinazzjoni bejn Ministeri differenti. Matul ix-xhur li għaddew staqsejt aktar minn darba dwar uffiċċju tal-Gvern li proprju kien qed jingħad li se jinfetaħ qrib il-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar. Kien qed jingħad li fiż-żona ta' San Pawl il-Baħar, il-Qawra u Buġibba se jingħalaq l-uffiċċju tas-social services ġewwa l-Qawra u minflok jinfetaħ ieħor f'San Pawl il-Baħar. Il-Ministru kien weġibni li ma kien se jkun hemm l-ebda uffiċċju tas-social services li kien se jinfetaħ ġewwa San Pawl il-Baħar. Aktar tard irriżulta li kien se jinfetaħ uffiċċju tas-servizz.gov li strettament ma jaqax taħt dan il-Ministeru però li minnu jingħataw numru sew ta' servizzi li huma assoċjati ma' dan il-Ministeru. Għalhekk nistaqsi: Għalfejn ma kienx hemm risposta ċara kif fl-aħħar ingħatat ukoll għall-mistoqsija parlamentari 13383? Il-mistoqsija m'għamilthiex għax sempliċement kelli aptit nagħmilha imma għamiltha għax numru ta' residenti fil-fatt bdew jistaqsuni għalxiex se tkun qiegħda tintuża dik il-binja.

Nixtieq nagħmel referenza wkoll għal mistoqsija parlamentari 10942 fejn il-Ministru weġibni li fit-Tnax-il Distrett hemm kważi 1,600 persuna single, fosthom 37 li huma rġiel li jingħataw ic-children's allowance. Hemm 293 ġewwa l-Mellieħa, 334 ġewwa n-Naxxar u 961 ġewwa San Pawl il-Baħar. Dan ifisser li fit-Tnax-il Distrett hemm aktar minn 1,600 tifel u tifla. Illum huwa l-Jum Internazzjonali tat-Tfal u t-tema għal din is-sena hija proprju "For every child every right", u rrid nisħaq fuq l-importanza li kull tifel u tifla għandhom kull dritt.

Lil hinn miċ-children's allowance li għamilt referenza għaliha aktar kmieni, hemm bżonn li din l-informazzjoni tingħata aktar importanza lil hinn min-numri u mill-ammont ta' benefiċjarji li qegħdin jibbenefikaw miċ-children's allowance għax, kif nafu, dan il-Ministeru huwa responsabbli wkoll mid-drittijiet tat-tfal. Kull informazzjoni li jkollu, id-Dipartiment għandu jara li tintuża bl-aħjar mod u tintuża wkoll biex ikun hemm kordinazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni biex jiġi stabbilit jekk tfal partikolari għandhomx ukoll ħtieġijiet partikolari sabiex dawn it-tfal ma jispiċċawx vittma ta' sitwazzjoni partikolari li jkunu qegħdin jgħixu fiha. Nemmen li m'għandniex nikkuntentaw biss biż-żieda taċ-children's allowance imma naraw li kull tifel u kull tifla jkollu l-aħjar ambjent residenzjali fil-post fejn jgħix.

F'ċerti lokalitajiet bħal San Pawl il-Baħar hemm numru ta' diffikultajiet li żviluppaw u li għadhom qed jiżviluppaw sal-lum, u nemmen li dan il-Ministeru għandu jara li t-tfal, huma min huma, jingħataw l-akbar ħarsien u jkunu ppreparati aħjar għall-isfidi tal-ħajja li mbagħad ikunu riflessi f'soċjetà aħjar li ngħixu fiha.

Għalhekk nemmen fl-importanza ta' aktar investiment fis-social workers. Nafu dwar il-ħtieġa ta' aktar social workers ġewwa pajjiżna u nafu li hemm numru ta' raġunijiet li qegħdin iwasslu għal nuqqas ta' ħaddiema f'dan is-settur. Għaldaqstant għandna naraw li jsir dak kollu

possibbli ħalli mhux biss ikollna aktar studenti li jistudjaw għal din il-professjoni imma naraw ukoll li min qiegħed jaħdem f'dan is-settur jibqa' jaħdem f'dan is-settur.

Sur President, nuqqas ieħor li nixtieq insemmi fil-qosor huwa fis-CDAU. Naf bil-waiting list li hemm f'dan is-settur. Anke hawnhekk hawn il-ħtieġa li jkun hemm ingaġġ ta' aktar nies sabiex naraw li minn età żgħira dawn it-tfal jingħataw dak kollu possibbli biex ikollhom futur aħjar. L-istess japplika għal dak li għandu x'jaqsam mal-LSEs fis-settur tal-edukazzjoni. Jekk verament irridu futur aħjar għal pajjiżna ejjew naraw li ninvestu fit-tfal tagħna. Irridu nammettu li qegħdin f'sitwazzjoni fejn quddiemna qegħdin naraw l-hekk imsejjaħ 'social decay' fejn kontinwament ikollna każijiet tat-tfal li qegħdin jiġu referred għal xi raġuni jew oħra. It-tfal huma l-futur ta' dan il-pajjiż. Nifhem li l-affarijiet mhux dejjem ikunu faċli speċjalment fejn ikun hemm kondizzjonijiet soċjali diffiċli, però jekk ma jsirx hekk ifisser li l-futur ta' pajjiżna f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspett soċjali se jkun agħar minn dak li għandna bħalissa. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u issa l-ħin kollu li fadal huwa għall-Gvern. In-naħa tal-Gvern għandhom sas-7.38 p.m. L-Onor. Chris Agius.

**ONOR. CHRIS AGIUS:** Sur President, huwa pjaċir tiegħi li nieħu sehem fid-diskussjoni dwar l-Estimi ta' dan il-Ministeru. Sa mill-bidu nett tal-involviment tiegħi fil-politika f'din il-Kamra dejjem kelli għal qalbi dan il-Ministeru u kull meta kelli l-opportunità tkellimt u pparteċipajt f'dak kollu li jipproponi dan il-Ministeru. Dan jista' jkun dovut forsi għall-mod kif trabbejt u fejn trabbejt, għall-familja li trabbejt fiha, iżda wkoll żgur għax jien parti minn Partit li twaqqaf biex iħares l-interessi taż-żgħir, ta' dawk li huma l-aktar fil-bżonn, tal-vulnerabbli u ta' dawk li huma l-aktar fl-iskala baxxa tas-soċjetà tagħna. Għalhekk jien kburi li nagħmel parti minn dan il-Partit fil-Gvern.

L-ewwel parteċipazzjoni tiegħi waqt id-Diskors tal-Baġit għal dan il-Ministeru jmur lura 27 sena, eżattament waqt l-Estimi tal-Baġit għas-sena 1997. Hawn ġew illum għandna Deputati li dak iż-żmien kienu għadhom lanqas twieldu. Dakinhar jien għażilt li nitkellem waqt din is-seduta riservata għal dan il-Ministeru, u għalija din kienet għażla naturali għax jien minn dejjem irrappreżentajt distrett meqjus bħala wieħed mimli bi problemi soċjali, b'ħafna qgħad, bl-akbar problemi ta' housing u problemi soċjali li dan il-Ministeru huwa maħluq għalihom. Però qabel nibda biex nagħmel ftit osservazzjonijiet fuq dak li hemm f'dan il-Baġit għal dan il-qasam, nixtieq insemmi xi nies li jistħoqqilhom kull tifħir u nibda mill-ħabib kbir tiegħi l-Ministru Michael Falzon.

Lill-Ministru ilni nafu għexieren ta' snin, minn żgħożitna, u dejjem nafu bħala persuna onesta, ħabrieka u tħobb liż-żgħir għaliex bħali ġej minn familja tal-ħaddiema. Huwa persuna li ssibu dejjem għax jgħin kull fejn hu possibbli u kull fejn hemm bżonn, dejjem jirrispondi fl-iqsar żmien possibbli u jipprova jsiblek soluzzjoni. Żgur li kull Gvern ma jista' qatt jinqata' mir-realtà u allura ma jista' qatt jitlef dak li jkun ħadem għalih. Flimkien ma' Michael, għaliex Michael huwa l-wiċċ, nixtieq insemmi u nirringrazzja wkoll lit-tim fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mmexxi mill-ħabib tiegħi s-Segretarju Permanenti Mark Musù. Kif jgħidu l-Ingliżi, 'they go out of their way to assist where needed' l-aktar nies fil-bżonn.

Minkejja li d-distrett tiegħi mexa 'l quddiem għad għandna ħafna nies li jiġu bżonn dan il-Ministeru u allura nirringrazzja lil Mark, lil George, lil Martin, lil Raymond u lil ħafna nies li bl-akbar effiċjenza u jien ngħid bl-aktar sens ta' umiltà u mħabba lejn iż-żgħir ikunu hemm lesti sabiex jgħinu fejn hemm bżonn. Għalihom m'hemmx Sibt jew Ħadd jew festa għaliex xħin tibagħtilhom, jekk dak li jkun ikollu raġun, mill-ewwel jaraw kif jistgħu jsolvu l-problema. Għalhekk grazzi lil dawn in-nies li jkunu dejjem hemm sabiex jgħinu lil min hu l-aktar fil-bżonn.

Dan huwa settur li tul it-traġitt tal-ħajja politika tiegħi dejjem ħbatt miegħu. Qasam li sa mill-ewwel ġurnata li kont fil-politika ħbatt miegħu kien il-qasam tax-xogħol u marbut mal-qasam tax-xogħol hemm il-qasam tal-benefiċċji soċjali. Dawn huma intrinsikament marbuta wieħed mal-ieħor. Min ma jaħdimx għaliex tilef l-impjieg irid idur fuq dan id-Dipartiment għaliex fl-aħħar mill-aħħar irid jgħix. Ma ninsa qatt l-esperjenzi li kelli nħabbat wiċċi magħhom matul is-snin waqt il-laqgħat li kien ikolli ta' kuljum u għad ikolli ma' nies li jiġu għandi sabiex ngħinhom isibu impjieg.

Dak iż-żmien kienu jiġu żagħżugħ u żagħżugħa jitolbuk l-aktar għajnuna bażika sabiex tgħinhom isibu impjieg ġo fabbrika. Illum grazzi għal dak li seħħ matul dawn l-aħħar għaxar snin il-persuni li jiġu jitolbuk tgħinhom isibu impjieg tgħoddhom fuq pala ta' id waħda. Dan grazzi għal dak li seħħ matul dawn l-aħħar għaxar snin, u naħseb li kulħadd japprezza li f'dawn l-aħħar għaxar snin in-numru ta' nies fuq ir-reġistru tal-qgħad kien kważi ineżistenti. Kif għedt dakinhar, fl-1996 in-numru ta' persuni jfittxu l-impjieg kien jaqbeż is-7,500, ħafna minnhom ġejjin minnaħa t'isfel ta' Malta.

Għalhekk, min bħali kien jirrappreżenta lin-nies ta' dawk id-distretti jaf li kienu ħafna li jiġu jitolbu l-għajnuna tiegħek. Mal-bidla tal-Gvern ġibna l-aktar ħaġa importanti; it-tama u l-fiduċja li ssarrfu f'investiment qawwi. Illum, Sur President, għax in-negozjant jemmen fil-politika li nħaddnu bħala Gvern qed joħloq opportunitajiet tax-xogħol aħjar il-ħin kollu. Illum pajjiżna għandu kważi full employment u dan huwa rifless ukoll fin-numri ta' dawk li jibbenefikaw mill-benefiċċji soċjali għall-qgħad. In-numri ta' dawk qiegħda naqsu, dawk li jibbenefikaw għall-qgħad naqsu wkoll, u bħala Gvern il-flus qed ninvestuhom f'min għandu aktar bżonn.

Dan iwassalni għal argument ieħor li llum qed jiġi diskuss ħafna mill-poplu, għalkemm ikun hawn min forsi jiskartah iżda huwa argument importanti. Qed nirreferi għall-barranin li għandna f'pajjiżna. Hemm argumenti diversi u kontrastanti dwar jekk għandniex nagħlqu l-bibien darba għal dejjem għal aktar barranin. Hawn min jirraġuna hekk, anke jien kultant nitħasseb bejn jekk għandniex naċċettaw aktar barranin jew għandniex nagħlqu l-bieb u jekk għamilniex sewwa tul is-snin li ħallejna pajjiżna jimtela bil-barranin jew jekk messniex ikkontrollajna aktar kemm jidħlu.

Matul l-aħħar għaxar snin kellna l-akbar tkabbir ekonomiku li qatt kellna fl-istorja ta' pajjiżna u ħloqna opportunitajiet ġodda tax-xogħol għal kulħadd. Ġibna investimenti ġodda f'kull settur u ħloqna oqsma ġodda u differenti. Investejna wkoll bil-qawwa u bla preċedent fil-qasam edukattiv sabiex uliedna, ulied il-ħaddiema u oħrajn ikompli jkollhom l-aqwa taħriġ u l-aqwa edukazzjoni. Uliedna ġabu aktar kwalifiki u bdew ifittxu impjiegi li jistħoqqilhom għall-kwalifiki li kellhom, impjiegi li jħallsu aktar, impjiegi li joħolqu aktar sodisfazzjon. Dan wassalna għas-sitwazzjoni fejn uliedna ma baqgħux interessati fl-aktar impjiegi bażiċi, impjiegi li mingħajrhom neħlu, mingħajrhom nieqfu u mingħajrhom, skużi nuża l-kelma, nitqammlu.

Għalhekk, iva, bilfors kellna naċċettaw influss ta' ħaddiema barranin biex jagħmlu dan ix-xogħol li huwa tant bżonjuż li minkejja l-importanza tiegħu, ħafna minna la rridu nagħmluh aħna u lanqas irridu li jagħmluh uliedna. X'nistgħu nagħmlu allura? Naħseb li ħadd m'għandu bakketta maġika li biha jsolvi kull problema li jkun hemm f'kull sitwazzjoni. Naqbel li forsi seta' kellna kontroll aħjar dwar kemm jidħlu f'pajjiżna, dwar min jidħol u x'kapaċi jagħmlu. U mela ma naqbilx, u hawn irrid nagħti ħarsa ħafifa lejn kif sploda n-numru ta' barranin jaħdmu f'pajjiżna.

Sur President, jekk inħarsu lejn in-numri nsibu li fl-2009 kellna 9,500 barrani jaħdmu f'pajjiżna u llum dawn telgħu għal 67,000. Minkejja dan in-numru u minkejja li jkollna min igerger u jilmenta li għandna ħafna barranin mas-saqajn, xorta waħda l-akbar ilment ta' min iħaddem huwa li qed isibuha diffiċli li jsibu l-ħaddiema li għandhom bżonn. Tkellmu ma' min joħloq l-impjiegi, mal-employers, u dejjem l-istess kelma ta' problema ta' ħaddiema. Għall-grazzja tal-ħanin Alla qabel kont nittallab jien lill-employers biex nara jekk għandhomx xi impjieg għal xi ħadd, imma llum iċempluli l-employers u jistaqsuni jekk nafx xi erbgħa n-naħa tagħna li jridu jaħdmu. Dawn mhux xi impjiegi ta' barra minn hawn, imma impjiegi f'kull qasam u f'kull settur. Jien naħseb li rridu niddeċiedu xi rridu għal dan il-pajjiż. Irridu li nieqfu jew irridu nibqgħu noħolqu l-ġid li minnu jgawdi kulħadd? Jien naħseb li kollha kemm aħna rridu l-progress għax dan ingawdu minnu minn fuq sa isfel, iżda dan iġib miegħu sfidi ġodda li rridu nkunu bil-għaqal li niffaċċjaw.

Sur President, nixtieq issa ndur fuq suġġett ieħor li dejjem kelli mħabba speċjali għalih, u se nitkellem dwar l-anzjani tagħna. Kollha kemm aħna kellna n-nanniet, u jien fil-ħajja politika tiegħi l-ewwel nies li kelli jduru miegħi kienu wieħed li kellu 75 sena, u żewġ nisa, waħda ta' 60 sena jew 65 sena u l-oħra li kellha 70 sena. B'xi mod dawn huma l-aktar nies li jgħinuk fil-ħajja politika tiegħek u allura bilfors issir tħobb lil dik is-sezzjoni tal-poplu. Dan huwa sentiment ta' ħafna minna, u żgur li dan ġej mill-fatt li aħna

napprezzaw dak li għamlu għalina ta' qabilna u li ħafna minn dak li ngawdu llum dan ingawduh grazzi għas-sagrifiċċji u għall-ħidma tagħhom. Minħabba f'hekk ma jistax jonqos li kollha kemm aħna naħdmu u nimpenjaw ruħna biex naraw li jitjiebu l-kondizzjonijiet u l-mod tal-għajxien ta' ħutna l-anzjani. Huwa aktar minn xieraq li l-aħħar snin ta' ħajjitna, għaliex jien ukoll issa wasalt f'dik l-età, ngħixuha ftit aktar komdi.

Aħna bħala Gvern Laburista qatt ma nqasna mid-dover tagħna lejn l-anzjani. Qabel, l-anzjani lanqas biss kienu jirċievu ż-żieda kollha li tingħata għall-għoli tal-ħajja. Naħseb li tajjeb li niftakru li lanqas iż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja ma kienu jingħataw, imma llum drajna li kull sena l-pensjonanti tagħna jirċievu żieda. F'dan il-Baġit, għad-disa' sena konsekuttiva, minbarra żieda għall-għoli tal-ħajja li qed tingħata lil kulħadd, il-pensjonanti tagħna qed igawdu wkoll minn żidiet oħra. Kull pensjonant se jkun qed igawdi minn żieda ta' €15 fil-ġimgħa, li jfissru żieda ta' €780 fis-sena. Ħaddieħor kien iffriża ż-żieda fil-pensjonijiet u aħna naraw kif inkomplu nżidu aktar lil dawk li kienu parti biex bnew dan il-pajjiż. Aħna bil-fatti nieħdu ħsieb lill-anzjani tagħna. Ma' dawn iż-żidiet wieħed jista' jsemmi l-ħemel ta' benefiċċji oħra li lum ħadniehom daqslikieku kienu garantiti, fosthom il-mediċini b'xejn u t-traħħis u l-istabilità fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Jien ma ninsa qatt waqt iż-żjarat li kont nagħmel għand il-familji b'mod partikolari ta' qabel l-elezzjoni tal-2013. Nidħol għand l-anzjani u tarahom b'bozza waħda tnemnem għax jgħidulek li jibżgħu mill-kont tad-dawl. Malli aħna tlajna fil-gvern għedna mill-ewwel li se nraħħsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma b'25% u dan kien ta' soljev għall-anzjani li fix-xitwa setgħu anke jixegħlu l-heaters għax qabel anke dik kienu jibżgħu jagħmlu. Dan huwa l-mod kif lill-anzjani ngħidulhom grazzi talli tul is-snin għenu lil dan il-pajjiż jimxi 'l quddiem.

Sur President, nixtieq nagħmel kumment żgħir fuq il-pensjonanti tad-diversi servizzi għax hawn min jaħseb li s-servizzi huma s-servizzi li kienu fis-servizz Ingliż. Kull min hu daqsi jiftakar li kien Mintoff fis-snin sebgħin li kien ħa d-deċiżjoni li dawk li jservu fis-servizzi, sa dak iż-żmien l-aktar fis-servizzi Ingliżi imma mhux biss, ma setgħux jieħdu żewġ pensjonijiet. Dak iż-żmien ir-raġuni li kien ta Mintoff forsi kienet b'xi mod plawsibbli, iżda kienu ħafna li ntlaqtu, u min intlaqat naħseb li qatt ma ħafirhielu lill-Partit Laburista. Ħafna minnhom kellhom raġun għax kienu jgħidulek li ħadmu u ħallsu għaliha dik il-pensjoni u mhux sew li Mintoff neħħihielhom.

Hawn tajjeb niftakru li l-Oppożizzjoni Nazzjonalista wara s-snin sebgħin u tmenin, f'kull manifest elettorali – u min hu tal-età tiegħi jiftakar – kienu jwiegħdu li se jagħtu l-pensjoni tas-servizzi Ingliżi. Issa ma ninsewx li mill-1987 sal-2013 l-Partit Laburista tela' darba biss u dam 22 xahar biss. Dakinhar din konna wegħednieha imma ma kellniex il-ħin biex nagħmluha. X'ma qalux dakinhar! Nerġa' ngħid, minkejja dawk il-wegħdi, huwa biss Gvern Laburista li wara l-2013 beda jsewwi din l-inġustizzja. F'dan il-Baġit qegħdin inkomplu naraw li dawk li ntlaqtu b'din l-inġustizzja llum qed jingħataw żieda matul is-sena.

Niftakar qisu lbieraħ, għax kultant meta tikber tibda tiftakar ftit fiż-żmenijiet li għaddejt minnhom, meta Mintoff – u Mintoff għamel ħafna ġid lil dan il-pajjiż - kien ta ċ-children's allowance għall-ewwel darba. Aħna konna żgħar, niftakru lil Mintoff iħabbar ħdejn il-bieb tad-Dockyard li se jagħti children's allowance lill-familji kollha li kellhom it-tfal żgħar. Kemm gawdew familji! X'ma kenux qalu dakinhar! Kemm setgħu saru bżonnijiet tad-djar b'din iż-żieda li beda jagħti l-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien lill-familji li kellhom it-tfal!

Matul is-snin kien hemm ħafna bidliet sostanzjali dwar kif wieħed seta' jibbenefika miċ-children's allowance. Tajjeb ngħid li aħna bħala Gvern Laburista bqajna nżiduhom u din is-sena erġajna wegħedna l-garanzija għat-tfal fil-manifest elettorali, li b'mod strutturat se nagħtu dawn iż-żidiet. Din id-darba, f'dan il-Baġit, qed nagħtu żieda sostanzjali li tfisser li mis-sena li ġejja kull familja se tkun qed tiggwadanja ammont sostanzjali miċ-children's allowance.

Biex inkomplu ngħinu lill-familji jimbottaw lil uliedhom sabiex ikomplu jitħarrġu, f'dan il-Baġit ħabbarna allowance speċjali għal dawk il-familji li wliedhom ikomplu jistudjaw u jitħarrġu wara s-sena obbligatorja ta' 16-il sena. Dan għax aħna nemmnu li ħadd m'għandu jinżamm lura milli jkompli l-istudju. Aħna ma rridux li jkun hemm familja li tgħidlek li binhom aħjar imur jaħdem u jġib xi ħaġa għad-dar milli jkompli jistudja. L-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għal futur aħjar u ħadd

m'għandu jinżamm lura milli jkompli jistudja jekk għandu l-possibbiltà.

Għalhekk qed nagħmlu din il-miżura sabiex dawk it-tfal li ma jibqgħux jieħdu ċ-children's allowance imma jkomplu jistudjaw għat-tliet snin ta' wara, jekk jibqgħu fl-edukazzjoni, il-Gvern se jkun qed jgħinhom. Dawn huma modi kif naraw li l-klassi tal-ħaddiema ma jkollha xejn inqas minn ħaddieħor. Il-klassi tal-ħaddiema għandu jkollha l-possibbiltà li t-tfal tal-ħaddiema jkomplu jistudjaw u jkomplu jimxu 'l quddiem għax b'hekk biss naraw li wlied il-Maltin u l-Għawdxin kollha jkollhom xogħol aħjar, xogħol li qed jinħoloq grazzi għall-politika ta' dan il-Gvern.

Jekk qatt kien hemm bżonn prova li dan il-Partit għadu jwettaq il-missjoni li twaqqaf għaliha aktar minn 100 sena ilu, huwa dan il-Baġit mimli miżuri mmirati għal min hu l-aktar fil-bżonn, għall-vulnerabbli, għal dawk li għandhom bżonn l-għajnuna fl-aktar żmenijiet diffiċli. Jien ngħidilha handholding! Qatt ma ddejjaqna ngħinu lil din is-sezzjoni tal-poplu, u naħseb li bħala Gvern Laburista qatt ma se niddejqu u għandna obbligu li naraw li liż-żgħir ngħinuh.

Dan il-Baġit fih ħafna miżuri li minnhom qed igawdi kulħadd, fosthom il-garanzija għat-tfal. Naħseb li ħaġa oħra li llum ħadnieha bħala garantita li nixtieq nerġa' nsemmiha – din semmejtha ftit meta kont qed nitkellem fuq l-anzjani - hija l-prezzijiet tal-enerġija. Naħseb jekk qatt kien hemm miżura li bħala Gvern bqajna nġorruha hija l-miżura li l-prezz tal-enerġija jibqa' garantit. Se jkun il-Gvern li jkompli jagħmel tajjeb għal dawn iż-żidiet, kif għamilna matul l-aħħar snin sabiex dawn la jintefgħu fuq il-ħaddiema, la jintefgħu fuq il-familji tagħhom u lanqas jintefgħu fuq in-negozji għax aħna qegħdin hemm biex nagħtu sostenn lil kull min jiġi bżonn.

Sur President, nagħlaq billi ngħid lill-poplu li dment li jkollna Gvern Laburista għandu moħħu mistrieħ li fl-aktar żmenijiet diffiċli se jkollu l-Gvern jaqsam miegħu l-piżijiet. Iva, naħseb li dan huwa wieħed mill-aktar Ministeri importanti, għandu fost l-akbar allokazzjonijiet ivvotati, u ngħid li bħala Partit Laburista għandna d-dover li nibqgħu naraw li l-baġit ta' dan il-Ministeru jkompli jiżdied sena wara l-oħra, kif qed nagħmlu. B'hekk biss inkunu nistgħu nagħtu garanzija sabiex min hu fl-iskala l-aktar baxxa tas-soċjetà jkollu l-għajnuna kull meta jiġi bżonnha. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, għażilt li nitkellem dwar dawn l-estimi tal-Ministeru għall-Politika Soċjali b'mod partikolari għax dan is-settur huwa l-akbar motivazzjoni għall-ħidma politika tiegħi. M'hemm xejn isbaħ milli taħdem biex tara li kulħadd ikollu l-għodda jew l-għajnuna biex jagħmel il-ħajja aħjar għalih innifsu.

Fix-xogħol professjonali tiegħi, u anke issa fil-ħidma politika tiegħi, il-ħajja laqqgħetni ma' ħafna individwi li sfortunatament ftit li xejn daħkitilhom ix-xorti f'ħajjithom. Wara kull bniedem li tiltaqa' miegħu hemm storja, hemm mumenti sbieħ, mumenti ta' sodisfazzjon, imma jkun hemm ukoll id-diffikultajiet. Aħna l-bnedmin kollha nitwieldu l-istess, imma mill-mument li nifthu għajnejna ċ-ċirkostanzi li nitwieldu fihom jibdew jiddefinixxu t-triq li nieħdu. Hemm min jitwieled f'ċirkostanzi tajbin, jekk mhux privileġġjati, u hemm min ikun aktar vulnerabbli u jkollu bżonn aktar sapport. Kemm hu sabiħ li fil-pajjiż tirrenja politika li, int min int u ġej minn fejn ġej, issib is-sostenn li għandek bżonn biex tgħin lilek innifsek!

Dik hija l-politika soċjali! Dik hija l-qalb soċjali tagħna bħala Gvern li fil-Baġit li qegħdin niddiskutu reġgħet kienet ċentrali għall-għanijiet tagħna. Ladarba llum donna ntfajna nikkwotaw *The Times of Malta*, naħseb tajjeb li nfakkar li l-editorjal ta' dan il-ġurnal l-għada tal-Baġit kien intitolat "Social Budget for turbulent times" u beda billi jgħid li l-Baġit:

> "Can safely be described as a social one."

Jekk kien hemm xi dubju, forsi *The Times of Malta* kienu fuq l-istess linja tagħna f'dan l-aspett. Il-Baġit kien eżerċizzju ta' konsolidazzjoni. Dan għax meta kien hemm bżonn element ta' kontinwità rajna li nagħrfu x'hemm bżonn f'dak il-mument bil-konsolidazzjoni ta' dak li bdejna flimkien fl-aħħar snin fejn ħloqna għal pajjiżna sens ta' sigurtà f'bosta ibħra mqallba. Biex verament nagħmlu dan l-ewwel ma rridu nħarsu huwa x'qegħdin noffru fil-qasam soċjali.

Il-qasam soċjali bqajna nsaħħuh matul is-snin. Din mhijiex 'trick' jew 'treat', imma hija l-verità sagrosanta u nsaħħuh għax nifhmu u għax nitkellmu man-nies. Smajna x'kellhom xi jgħidulna u fhimna li f'dan il-mument partikolari l-akbar tħassib huwa l-għoli tal-ħajja u l-inflazzjoni u allura ma kienx ikun baġit verament għan-nies kieku ma indirizzajniex, l-ewwel u qabel kollox, dan il-punt.

Sur President, li nkunu Gvern b'ruħ soċjali huwa prinċipju li jrid jirbaħ dejjem, ikunu x'ikunu ċ-ċirkostanzi kemm esterni kif ukoll ordinarji. Huwa għalhekk li s-sena l-oħra introduċejna għall-ewwel darba l-mekkaniżmu tal-COLA addizzjonali, u dan il-Baġit se jkun qed isostni u jsaħħaħ dak il-mekkaniżmu addizzjonali għall-għoli tal-ħajja. Dawk il-familji li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx id-dħul minimu nazzjonali se jkunu qegħdin jirċievu dan il-benefiċċju addizzjonali, u qed nifhem li għall-persuna waħedha l-limitu se jkun ta' ftit aktar minn €18,000 u għall-koppja se jkun €27,233. Dan il-limitu jibqa' jvarja skont il-kobor u l-kompożizzjoni tal-familja u l-benefiċċju jinħadem ukoll skont id-dħul tal-familja u kemm hemm persuni fl-istess household. Il-Gvern se jkun qed jinvesti €26 miljun biex dawn il-95,000 familja jkunu qegħdin jirċievu dan il-benefiċċju addizzjonali ta' bejn €100 u €1,500 fis-sena.

Sur President, meta l-pajjiż ikun qed jiffaċċja l-isfidi, nistgħu ngħidu jew li aħna vittmi taċ-ċirkostanzi u tal-kontest globali jew naraw kif se nindirizzaw l-isfidi biex intaffu l-piżijiet għall-familji tagħna. Aħna kburin ngħidu li dejjem morna għat-tieni għażla. Dejjem kienet deċiżjoni konxja li nintervjenu, dejjem kienet il-politika fiskali ta' dan il-Gvern Laburista li jwieżen u mhux jgħakkes il-familji Maltin u Għawdxin. Għalhekk ġie mwaqqaf il-mekkaniżmu addizzjonali, imma ma waqafniex hemmhekk. Aħna żammejna s-sussidji tal-kontijiet tal-enerġija, saħħaħna l-pensjonijiet għal darb'oħra, u mhux talli saħħaħniehom talli saħħaħniehom b'ammonti rekord, l-akbar żieda li qatt ħadu l-pensjonanti. Saħħaħniehom għall-pensjonanti kollha għax hekk jixirqilhom. Dan apparti l-fatt li indirizzajna l-anomalija fil-pensjoni għal dawk li twieldu qabel l-1962 u apparti l-fatt li saħħaħna l-pensjonijiet tar-romol u l-pensjoni tas-servizz.

Sur President, meta niġi nagħmel intervent f'din il-Kamra normalment niffoka l-iżjed fuq ix-xogħol tiegħi bil-fokus ikun il-ħidma ta' din in-naħa tal-Kamra. Nemmen li għandna ħafna x'noffru u niddejjaq ninħela fuq ċerti battuti, però llum inħoss li nkun qed nonqos jekk ma nagħmilx osservazzjoni fuq id-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni bħala replika għall-Baġit. Allura f'diskors ta' sagħtejn ma nisimgħu xejn fuq dan is-settur? Ma nisimgħu xejn fuq il-pensjonijiet? Il-Kap tal-Partit Nazzjonalista qalilna – u apposta erġajt smajtu – li tajjeb li jfakkar li l-Gvern Nazzjonalista xi darba kien żied il-pensjoni.

Jien rajtha verament barra minn lokha li dan huwa s-settur bl-akbar nefqa fil-Baġit u dik kienet l-unika ħaġa li smajna fir-replika tal-Baġit mill-Kap tal-Oppożizzjoni! Dan apparti li jidher li għandu perspettiva differenti ħafna mill-kumplament tal-pajjiż f'dak li għandu x'jaqsam mal-pensjonijiet. Kulħadd jgħid li taħt il-Gvern Nazzjonalista l-pensjonijiet kienu s-sors ta' ħafna inċertezzi u dwejjaq anke fuq l-età tal-irtirar. Aħna, fuq din in-naħa, niġu nitkellmu b'wiċċna minn quddiem fuq il-pensjonijiet. Aħna l-uniku partit li jista' jitkellem fuq iż-żidiet fil-pensjonijiet bi kredibilità għax urejna li qalbna qiegħda mal-anzjani meta żidna u saħħaħna l-pensjonijiet wara kważi 25 sena u bqajna nsaħħuhom sena wara l-oħra.

Taf x'ma semmiex ukoll il-Kap tal-Oppożizzjoni? Apparti li ma qal xejn dwar il-pensjonijiet, ma semmiex iċ-children's allowance, ma semmiex iż-żieda fil-bonus tat-twelid u l-adozzjoni, u ma semmiex l-in-work benefit. Ma semma xejn; la rikonoxximent tal-miżuri soċjali, la kritika tagħhom u wisq inqas xi tip ta' viżjoni alternattiva! Xejn! Ma nafx jekk dan ifissirx li ma sabx x'jikkritika! Ma nafx, ma naħsibx li huwa daqshekk plawsibbli imma wieħed jista' jasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

Ladarba semmejt iċ-children's allowance, illum inzerta l-World Children's Day bħalma diġà saret referenza għaliha f'din il-Kamra bosta drabi. Il-Jum Dinji tat-Tfal qegħdin infakkruh fi sfond ikraħ ħafna meta wieħed jaħseb ftit dwar kemm hawn tfal li sfaw vittmi ta' ċirkostanzi li twieldu fihom fejn hemm il-konflitt, il-gwerer u l-vjolenza. Ftit 'il bogħod minn xtutna, madwar nofs il-popolazzjoni ta' Gaża huma tfal, u qed jinqatel tifel jew tifla kull għaxar minuti. Ovvjament dan imur lil hinn mill-iskop tad-dibattitu, imma bħala Deputata nħoss li għandi nieħu kull opportunità possibbli biex nitfa' dawl fuq is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaża filwaqt li nirringrazzja lil kull min hu involut fl-isforz tal-

Gvern Malti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda biex ġiet adottata riżoluzzjoni ta' Malta ħalli, fost oħrajn, ikun hemm pawsi umanitarji estiżi fl-immedjat li jippermettu passaġġ sigur għall-għajnuna umanitarja.

F'Malta, mill-istatistika maħruġa dalgħodu mill-NSO, jidher li għandna kważi 82,000 tifel u tifla sa 17-il sena. Ovvjament dawn huma l-mimmi ta' għajnejna u kwalunkwe pass li nagħmlu nżommu lilhom f'moħħna. Għalhekk f'dan il-Baġit qegħdin nagħtu żieda fiċ-children's allowance ta' €250 għal kull wild, l-akbar żieda fil-50 sena li ilu jingħata dan il-benefiċċju wara li introduċieh il-Perit Mintoff.

Sur President, aħna ma waqafniex hemm għax qegħdin nintroduċu wegħda oħra mill-manifest elettorali tal-Partit Laburista li biha se nkunu qegħdin nagħtu €500 fis-sena għal tliet snin konsekuttivi lill-ġenituri ta' dawk it-tfal li wliedhom ikomplu bl-edukazzjoni postsekondarja. B'dan il-mod indirizzajna dik il-gap li kien hemm għax iċ-children's allowance titħallas sakemm it-tfal jagħlqu 16-il sena u biex inkomplu ngħinu lill-familji fiż-żmien li t-tfal tagħhom ikunu qed ikomplu bl-istudji tagħhom, ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, ikomplu jesploraw id-diversi opportunitajiet eżistenti għaż-żgħażagħ sakemm eventwalment isiru parti mill-workforce, qegħdin nagħtu €1,500 oħra fil-bwiet tal-familji. Dan minbarra li qegħdin insaħħu l-għotja li introduċa dan il-Gvern li tingħata lill-familji li jkollhom wild ġdid jew li jkunu adottaw.

Ovvjament qatt mhu biżżejjed u ma nistgħux nieqfu naħdmu biex inkomplu nnaqqsu l-ammont ta' tfal fil-faqar jew f'riskju ta' faqar. Fejn jidħlu t-tfal hemm ħafna iżjed ħidma li trid issir. Il-kollega tiegħi l-Onor. Graziella Attard Previ semmiet il-parental alienation, u naqbel magħha. Huwa importanti li nibqgħu naraw li t-tfal ma jisfawx vittma ta' pika bejn il-ġenituri li sfortunatament qed tkisser ħafna familji u l-konsegwenzi tagħha fuq it-tfal għad irridu narawhom fis-snin li ġejjin. Minn aspett purament fiskali, għax aħna qegħdin nitkellmu fuq il-Baġit, hija xi ħaġa sabiħa li aħna lill-familji u lill-ħaddiema nkomplu nagħtuhom u mhux neħdulhom.

Sur President, l-iżjed ħaġa li nħossni kburija biha hija li d-dipendenza fuq l-assistenza soċjali baqgħet tonqos, u dan sar mhux minkejja l-għajnuna li tingħata imma minħabba l-għajnuna li tingħata. Dan is-settur soċjali ġie trasformat totalment fl-aħħar għaxar snin. Ġie msejjes fuq il-ħsieb li wieħed jaqbillu joħroġ jaħdem u jkompli jgħin lilu nnifsu. Dan sar grazzi għall-miżuri li ġew introdotti matul is-snin, u naħseb li l-eżempju prim ta' dan kollu huwa t-tapering tal-benefiċċji li introduċa l-Gvern kważi għaxar snin ilu. Dawn huma eżempji ta' miżuri bbażati fuq dak li verament għandu bżonn il-poplu Malti, miżuri li huma studjati, miżuri li tassew huma mera ta' Malta ġusta.

Bosta drabi ngħid xi ħaġa minn wara dahar il-Ministru imma llum se ngħidlu f'wiċċu dwar kemm nammira l-mod kif jaħdem dan il-Ministeru mingħajr ħafna daqq ta' trombi żejda. Smajt lil sieħbi l-Onor. Chris Agius jagħmel eloġju ċkejken għall-ħidma tal-Ministeru u qbilt ma' kull kelma li qal. Kont nieħu pjaċir ħafna nsegwi l-aġġornamenti li kien jagħmel il-Ministru fejn kull xahar jispjega s-sett ta' miżuri li jkunu qegħdin jidħlu fis-seħħ biex matul is-sena jiġu implimentati l-miżuri kollha tal-Baġit jew tal-manifest elettorali b'sens kbir ta' trasparenza u b'impenn ċar lejn l-għanijiet tal-Gvern f'dan is-settur. Nemmen ħafna li kull Ministeru għandu jaħdem bl-istess mod.

Sur President, nieħu din l-opportunità biex insellem lit-tim tal-Ministru li dejjem kien disponibbli u jidher ċar kemm għandhom għal qalbhom dan is-settur li biex jibqa' b'saħħtu jirrikjedi li kulħadd jiġbed l-istess ħabel u li kull min imiss miegħu jkollu għal qalbu l-prinċipju ta' ġustizzja soċjali u jgħix ta' kuljum l-impenn tagħna lejn min għandu bżonn l-aktar sostenn fis-soċjetà biex kulħadd ikun jista' jgħix ħajja dinjituża. B'hekk kulħadd ikun jista' joffri għajxien aħjar għat-tfal tiegħu u min għandu bżonn isib l-għajnuna sakemm jiġi fuq saqajh. L-impenn tagħna huwa biex naraw li l-anzjani li tant ħadu ħsiebna matul ħajjithom jibqgħu jgħixu ħajja tajba. L-impenn tagħna lejn il-ħaddiema huwa mhux biss li ninċentivaw il-bżulija imma nippremjawha.

Irrid insemmi wkoll l-In-Work Benefit li introduċejna fl-2015, u f'dan il-Baġit erġajna saħħaħnieh għal dawk il-ġenituri li jaħdmu. Illum, meta nidħol fid-djar tan-nies nifhem iżjed l-importanza tal-qasam soċjali. Matul dan id-diskors żammejt quddiem għajnejja individwi partikolari li l-istorja tfakkarni kemm irridu

nibqgħu ffokati biex nindirizzaw ir-realtajiet varji ħafna li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Niftakar f'dik it-tfajla li tiġi għandi li qed issib saqajha fid-dinja tax-xogħol wara li kellha tarbija ta' età żagħżugħa ħafna. Il-miżuri ta' dan il-Baġit se jkomplu jgħinuha tkun iżjed indipendenti u timxi 'l quddiem. Niftakar f'dawk il-pensjonanti li kellmuni li twieldu qabel l-1962 li kienu jħossuhom urtati u ma setgħux jifhmu għalfejn kienu qed jiġu diskriminati mill-pensjoni. Dik ukoll indirizzajnieha!

Niftakar f'dik il-familja li tiġi għandi minħabba ċerti ċirkostanzi li mhux se nidħol wisq f'dettall dwarhom għaliex ma tlabx il-permess tagħhom biex nuża l-istorja tagħhom bħala eżempju, imma jkolli ngħid li huma frott ta' għażliet li kienu ħadu li ma kenux daqshekk tajbin, li ma kenux informati biżżejjed. L-Onor. Ivan Bartolo qal li hemm min qed jeżisti u mhux jgħix. Naħseb li partikolarment din il-familja li qed naħseb fiha taqa' f'din il-kategorija, li l-ħajja sfortunatament baqgħet tagħtihom fuq wiċċhom, u iva, għandhom bżonn ħafna għajnuna mill-Gvern biex jieħdu ħsieb lil uliedhom u lilhom infushom. Dan il-Baġit se jkompli jgħinhom minn diversi aspetti. Mhux f'kollox, u lanqas nippretendi li wieħed ifaqqa' subgħajh u jsolvi l-problemi kollha, però l-għajnuna qiegħda hemmhekk, u rridu nirrikonoxxuha.

Hemm punti oħrajn li laqtuni fil-Baġit, bħall-introduzzjoni tal-konċett tal-validità parzjali biex inwieżnu lil dawk li temporanjament minħabba mard ma jkunux jistgħu jkomplu jaħdmu. Dawn huma każijiet reali li niltaqgħu magħhom. Hemmhekk tifhem kemm dan il-Baġit kien imsejjes fuq il-prinċipju ta' ġustizzja soċjali. Mela jgħidulna li qegħdin ngħaddu n-nies minn għajn il-labra!

Irridu nħarsu 'l quddiem u rridu nkomplu nifhmu kif is-soċjetà tagħna se tibqa' tadatta għall-fatt li l-popolazzjoni tagħna qed tikber mhux biss fin-numru imma anke fl-età. Demografikament jidher li l-persentaġġ ta' anzjani f'pajjiżna se jkun qed jiżdied ħafna, qed tiżdied il-life expectancy u wieħed jistenna li dan se jħalli impatt fuq is-servizzi soċjali tagħna. Dan irridu naħsbu għalih.

Sur President, il-qasam soċjali jrid ikun il-kumpass morali tagħna. Minn dejjem kien hekk. Dan il-Gvern għandu responsabbiltà mhux biss lejn il-legat tant b'saħħtu fis-servizzi soċjali ta' dan il-Partit imma responsabbiltà xejn inqas lejn dawk li qed iħarsu lejna għaliex jiddependu minna ta' kuljum. Ir-ruħ soċjali kienet, għadha u trid tibqa' dak li jiddefinixxina. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, nixtieq nibda billi nirringrazzja lil kull min ħa sehem f'dan id-dibattitu li jitkellem fuq il-mira li għandu jkollu kull politiku li jixraqlu li jissejjaħ hekk; il-ġustizzja soċjali. Għas-seba' darba qiegħed inressaq għall-approvazzjoni somma oħra rekord. Dan il-Ministeru, għas-sena 2024, se jkollu allokazzjoni ta' €2.2 biljun. Qed nitkellmu dwar kważi terz tan-nefqa kollha tal-pajjiż. Jien m'għandi l-ebda intenzjoni li noqgħod nagħmel battibekki ma' xi ħadd għax tħares kif tħares lejha, il-verità tibqa' l-verità.

Jekk inħarsu lejn minn fejn tlaqna fl-2013 sal-ġurnata tal-lum insibu żieda ta' 90% fin-nefqa soċjali, kważi d-doppju. Minn fejn tlaqna għal fejn qegħdin illum hemm żieda fin-nefqa ta' €705 miljun! Naħseb li din mhux biss hija xhieda tanġibbli imma hija wkoll l-akbar prova fattwali ta' kemm sena wara sena, u nispjega aktar 'il quddiem, dan il-Gvern kien ġeneruż mal-pensjonanti, mal-familji, mat-tfal u, fuq kollox, ma' dawk l-aktar li għandhom bżonn l-għajnuna. Naħseb li urejna wkoll li konna lesti li nagħmlu tajjeb mhux biss biex nolqtu lill-faxxa t'isfel imma anke biex nolqtu faxex oħrajn fis-soċjetà tagħna.

Nisimgħu ħafna dwar pjan soċjali u mudell ekonomiku. Li huwa żgur huwa li f'dawn l-aħħar għaxar snin għandna l-akbar rata ta' tkabbir fl-ekonomija mbassra mill-Unjoni Ewropea, għandna l-inqas numru ta' nies qiegħda li qatt kellu dan il-pajjiż, u għandna l-inqas numru ta' nies li qatt kellu dan il-pajjiż li jiddependu fuq il-benefiċċji soċjali. Tliet rekords li naħseb li mhux biss juru kemm konna bil-għaqal anke bħala poplu li noħolqu l-ġid, imma mbagħad b'sens ta' ġustizzja soċjali naraw li dak il-ġid jitqassam biex imiss lil kulħadd.

Kien hawn min ikkritika s-slogan ta' 'Malta Ġusta'. Naħseb li l-fatt li jkollok gvern li jimpenja ruħu li terz tan-nefqa kollha jgħaddiha mis-soċjal jitkellem waħdu dwar kemm verament nemmnu f'dik li hija Malta ġusta. Iġġelidna l-prekarjat, komplejna nkabbru l-assistenza soċjali,

naqqasna n-numru ta' nies li jiddependu fuq il-benefiċċji soċjali, irnexxielna ndaħħlu u llum għandna l-akbar numru ta' nies li qatt kellu pajjiżna fid-dinja tax-xogħol. Kabbarna wkoll id-dħul tal-familji u ħeġġiġna lin-nies jaħdmu. L-Onor. Albert Buttigieg semma l-qasba u l-ħuta. Huwa veru li tajna l-ħuta imma tajna wkoll il-qasba. Infakkar fit-tliet miżuri li kienu mmirati preċiżament biex wieħed juża l-qasba, biex jinċentiva lil dak li jkun joħroġ fid-dinja tax-xogħol. Dan huwa l-konċett ta' 'making work pay'. It-tapering of benefits, l-in-work benefit u ċ-childcare b'xejn kienu kollha mmirati preċiżament biex indaħħlu lin-nies fid-dinja tax-xogħol għax jaqbillek li taħdem, kontra dak li forsi konna ngħidu qabel. Tajna l-għajnuna lill-familji li għandhom it-tfal permezz taċ-children's allowance u tajna bonus għal wild ġdid.

L-Onor. Graziella Attard Previ semmiet l-adozzjonijiet. Tajna grant ta' €10,000 għal min jadotta minn barra l-pajjiż. Din hija miżura li daħħalna aħna. Għamilna għotja anke għal dawk li jadottaw mill-pajjiż ta' €1,000. Illum f'dan il-Baġit żidna anke lil dawk li jkunu mberkin b'wild ġdid jew jadottaw, fejn għall-ewwel wild tingħata għotja ta' €500 u għat-tieni wild u aktar tingħata għotja ta' €1,000. Żidna ripetutament il-pensjonijiet. Mhux biss żidna l-pensjonijiet, imma żidniehom għal disa' darbiet wara xulxin.

Rajna kif daħħalna aktar nies biex ngħinuhom jilħqu l-pensjoni minima meta bdejna ngħoddu l-bolol li setgħu tħallsu qabel l-età ta' 18-il sena u wara wessajnieha wkoll biex tħallsu meta tħallsu, ngħoddulek il-bolol. Dik fissret 2,000 pensjonant ġdid, il-parti l-kbira nisa. Lil dawk li xorta ma jikkwalifikawx, fl-2015 daħħalnielhom għotja annwali li minn dakinhar żdiedet għal tliet darbiet. Rajna wkoll li tiżdied l-għotja tal-anzjani li baqgħu jgħixu fil-komunità. L-għotja llum telgħet, u fil-każ ta' anzjani minn 80 sena 'l fuq, tista' tilħaq €450 fis-sena.

B'mod partikolari, u din ngħidha b'ċerta kburija, introduċejna l-carers grant. Bdejna bi €300 u tellajnieha għal €500 fl-ewwel sena ta' din il-Leġiżlatura, jiġifieri għal nofs il-paga minima. Għollejnieha b'għaxar darbiet u llum telgħet kważi €5,000 għal dawk li ma jistgħux jaħdmu għaliex iridu jieħdu ħsieb lil uliedhom minħabba diżabilità severa. Dik hija r-ruħ soċjalista li dejjem kellna, għad għandna u li jibqa' jkollna. Dawk li għandhom bżonn ċerta attenzjoni u dawk li ma jistgħux jaħdmu għaliex għandhom diżabilità severa miżjuda llum jieħdu paga minima nazzjonali netta.

Għamilna wkoll tibdil fl-għajnuna supplimentari. Għamilna titjib biex jitħallsu l-pagamenti tal-benefiċjarji. Waqt il-COVID-19 mhux biss komplejna nwettqu imma għamilna pakkett ieħor ta' miżuri speċifiċi li kienu mmirati għal dak iż-żmien. Illum għandna sfida oħra tal-inflazzjoni. Hawnhekk ukoll rajna li nagħmlu tibdil biex naraw kif se ntejbu dejjem il-livell tal-għajxien. Jekk inħares biss lejn dawn il-benefiċċji l-ġodda – u hawn m'iniex qed nirreferi għall-pensjonijiet li kemm-il darba żidniehom u m'iniex qed nirreferi għal dawk il-benefiċċji li kellna, imma għall-benefiċċji l-ġodda waħedhom - dawk ifissru €456 miljun fil-bwiet tal-benefiċjarji soċjali. Hija somma li la tinkludi dak li kien jitħallas qabel u lanqas tinkludi s-sussidju li qed nagħtu fuq il-prezzijiet tal-enerġija fejn qed nitkellmu dwar ammont ta' €1 miljun kuljum. Hawnhekk ma nistax nifhem kif l-Oppożizzjoni għandha l-wiċċ tgħid li abbandunajna lill-familji jew li ġibna eluf jgħixu fil-faqar!

L-Onor. David Agius semma ħafna numri, u biex inkompli miegħu nista' nsemmilu jien ukoll ftit numri. Illum għandna terz tal-persuni li kellna f'ċaħda materjali severa fl-2013. Huwa faċli titkellem dwar in-numri assoluti imma trid titkellem ukoll dwar il-persentaġġi. Ċaħda materjali severa llum għandna terz li ħallew warajhom huma. F'ċaħda materjali mhux severa llum għandna nofs li ħallew warajhom huma! Għamel sewwa meta qal li llum wieħed minn ħamsa huwa f'riskju ta' faqar. Taf x'nesa jgħidilna? Li fi żmienhom kien hawn wieħed minn erbgħa f'riskju ta' faqar. Qed nikkwota mis-Survey on Income and Living Conditions (SILC) li nistiednu jarah. (Interruzzjonijiet) Se nqiegħed id-dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra, imma mhux li jgħidli hu. (Interruzzjonijiet) Sur President, jien ma interrompejt lil ħadd u smajt lil kulħadd, imma s-soltu tan-naħa l-oħra tal-Kamra forsi ma tantx temmen fid-diskussjoni. Niżbalja jekk ngħid li ma fadalx diffikultà, imma mhuwiex aċċettabbli li tgħid li m'għamilna xejn f'dan is-settur.

Illum għandna 68,000 persuna aktar milli kien hawn fl-2013 li kapaċi jsaħħnu djarhom, kważi 70,000. Għandna aktar minn 50,000 persuna milli kellna fl-2013 li kapaċi jmorru vaganza mal-familja. Imbagħad nitkellmu dwar dak li rridu npinġu qisu ma sar xejn. L-ewwel prijorità tagħna

minn dejjem kienet li nimmiraw biex intejbu l-livell tal-ħajja tan-nies. L-għadd ta' persuni fuq il-benefiċċji soċjali llum naqas bi 13,800. Jekk inħares lejn ir-rata tal-qgħad, illum għandna l-inqas rata ta' qgħad li qatt kellna u fost l-inqas fl-Unjoni Ewropea. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol għall-ewwel darba qabżet il-medja tal-Unjoni Ewropea. Kważi 80% tal-Maltin u l-Għawdxin illum jinsabu fid-dinja tax-xogħol. Jekk inħarsu u nqabblu mal-Unjoni Ewropea, pajjiżna għandu t-tielet l-akbar rata ta' pajjiżi fl-Ewropa li għandu nies jaħdmu.

L-assi tal-familji Maltin jgħoddu d-doppju tal-medja Ewropea. Id-dħul medju disponibbli tal-familji tal-2022 laħaq €43,800, żieda ta' €11,300 fuq l-2013. Ir-rata ta' nies f'riskju ta' faqar naqset u llum tinsab 3.5% taħt il-medja tal-Unjoni Ewropea. Il-proporzjon ta' nies li ma jifilħux għal xi spiża llum naqas għal 15.4%. Ir-rata tal-persuni jew il-proporzjon ta' familji li huma sidien ta' djarhom – u din grazzi għall-għaqal tal-Maltin kollha – illum huwa kważi 80% u dan huwa 17% aktar mill-medja fl-Unjoni Ewropea.

Dan huwa l-progress tanġibbli li ksibna minkejja l-isfidi u minkejja dak li kellna niffaċċjaw. Bir-raġun li hemm ċertu ottimiżmu hemm barra li jiġi l-ewwel nett mis-serħan tal-moħħ, mill-istabbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija u mill-fiduċja li l-konsumaturi Maltin għad għandhom. Illum qed inwettqu dak il-mandat elettorali ta' 'Malta Flimkien', programm elettorali li għandu l-akbar maġġoranza politika li qatt kien hawn f'dan il-pajjiż. Tagħmel dan kollu għaliex tkun viċin in-nies! Tagħmel dan għaliex tara kif tgħin fejn hemm bżonn!

Rigward pensjonijiet f'dan il-Baġit se jkollna d-disa' żieda fil-pensjonijiet. Nefqa rekord fejn aktar minn €1,160,000,000 se jmorru fil-bwiet ta' madwar 100,000 pensjonant tal-irtirar, tar-romol, tal-invalidità u tal-età. Kull pensjonant u pensjonanta din is-sena se tgawdi minn żieda mill-inqas ta' €780 għaliex hemm aġġustamenti oħrajn ukoll. Din kienet tajba ħafna. Il-Kap tal-Oppożizzjoni – li nsellimlu minn hawnhekk – fid-diskors tiegħu qal li kien taħt amministrazzjoni Nazzjonalista li bdiet tingħata l-COLA kollha. Sur President, dwar din ma tistax tmerih għaliex taħt amministrazzjoni Nazzjonalista qabel ma kenitx tingħata l-COLA kollha lill-pensjonanti tagħna. Qabel kienet tingħata biss żewġ terzi, imbagħad tellgħuha biex jagħtu l-COLA kollha. Żgur ma tmerihx dwar din. Tmerih fuq kollox, minbarra fuq din! Bejn l-2004 u l-2012 iż-żidiet li misshom f'disa' snin sħaħ il-pensjonanti taħt Gvern Nazzjonalista kienu ta' €1,544. Din is-sena biss qed nagħtu aktar minn nofs ta' dak li ta ħaddieħor f'disa' snin. (Onor. Membri: Hear, hear) (Interruzzjonijiet) Se nwieġbek ukoll imma pprova kun daqsxejn edukat! Agħmel kif għamilt jien: isma'!

Mill-2018 bdejna nagħtu żieda lil kull pensjonant. Jekk tgħoddhom f'daqqa ssib li mhux €1,544 tajna imma €2,925. Se nirrispondi wkoll fuq l-għoli tal-ħajja. Fi 22 sena ta' Gvern Nazzjonalista ma żidux il-pensjoni nnifisha b'ċenteżmu wieħed. Mank ċenteżmu wieħed! Kienu jagħtu biss tal-għoli tal-ħajja. Qabel kienu jagħtuhom żewġ terzi, imbagħad tawhielhom kollha. Hekk ftaħar il-Kap tal-Oppożizzjoni! Ma tawx ċenteżmu wieħed! Fl-aħħar leġiżlatura konna għamilna impenn li nżidu l-pensjonijiet tal-inqas bi €8. Taf kemm żidniehom, Sur President? B'€14.17ċ! Ħaddieħor fi 22 sena lill-pensjonanti tahom zilch, xejn affattu! Numru żero! Dik hija l-verità! Min ma jogħġbux, affarih! Kien hawn min qal li aħna nqassmu l-karità. Veru? Mhux hekk tgħid! Sal-bieraħ stess joħroġ rapport li juri li pajjiżna kellu r-raba' l-akbar rata ta' tkabbir fid-dħul tal-pensjonanti tagħna. Dik hija l-verità, għaliex nemmnu fil-ġustizzja, għaliex nemmnu f'Malta ġusta!

Jien tkellimt dwar il-pensjonijiet, imma nista' nsemmi wkoll ftit titjib ieħor, pereżempju dwar il-persuni li issa ngħataw l-istess rata ta' bonus li kienu jingħataw qabel. Qabel kellna diskrepanza. Il-pensjonanti romol kienu jirtu five-sixths tal-pensjoni. Din se tkun it-tielet sena fejn dak il-five-sixths se nibqgħu nwassluh viċin li jkun il-pensjoni sħiħa. Din ukoll jew ma jridux jew ma jistgħux jifhmuha.

Il-pensjoni tas-servizzi soċjali biż-żidiet kollha li tingħata lill-pensjoni mhijiex taxxabbli. Jekk għandek dħul ieħor, ħaġa oħra. Jekk għandek pensjoni oħra, ħaġa oħra, imma l-pensjoni tas-servizzi soċjali, biż-żidiet b'kollox, tingħata kemm tingħata, tibqa' dejjem mhux taxxabbli. Min ma jafx il-matematika nistiednu jitgħallem ftit. Dawk li ma jikkwalifikawx għall-pensjoni daħħalna bonus għalihom li llum tela' għal €500 jew €600, skont jekk kellekx minn sena sa ħames snin jew minn ħames snin sa għaxar snin.

Issa din li se nsemmi ma nistax nifhimha. Emmnuni nibda nitbellah, għaliex li tagħmel xi

ħaġa inti, li tgħaffiġha inti, li l-anomalija toħloqha inti, imbagħad tiġi twaddabha lil gvern ieħor, irid ikollok – u se naqleb għat-Taljan biex ma nużax l-espressjoni Maltija - *una bella faccia tosta* ta' veru! Fl-2006 in-Nazzjonalisti ddeċidew li joħolqu żewġ klassijiet ta' pensjonanti, dawk li twieldu qabel l-aħħar tas-sena tal-1961 u dawk li twieldu mill-1 ta' Jannar 1962 'l quddiem. Lil ta' qabel iggarantewlhom biss tal-għoli tal-ħajja u għall-oħrajn għamlu mekkaniżmu dwar kif jista' jibqa' tiela'. Nerġa' ngħid, kien Gvern Nazzjonalista fl-2006 li għamel din l-anomalija. Mhux talli għamel l-anomalija talli sakemm kien għadu fil-gvern baqa' m'għamel xejn u baqa' jħalliha hemm. (Interruzzjonijiet) Se ngħid x'għamilna aħna. Aħna se nsewwu l-inġustizzji u l-anomaliji kollha li ħloqtu intom!

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Onor. David Agius, suppost taf aħjar inti!

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ħloqtu l-inġustizzji, ħloqtu l-anomaliji u qed insewwuhom aħna! Irid ikollok wiċċ li verament ma jafx jara! Mis-sena d-dieħla se nibdew nirranġaw l-inġustizzji u l-anomaliji li ħoloq GonziPN b'mod gradwali. Se nibdew nagħmluha gradwalment. Is-sena 2024 kienet diġà mmarkata li nibdew innaqqsu l-anomalija. (Interruzzjonijiet) About time?! Aħseb u ara min għamilha, għamel seba' snin oħra fil-gvern, u m'għamel xejn! Kompla jimbotta l-anomaliji! Kompla jimbotta l-inġustizzji. Aħna l-anomaliji se nibdew nindirizzawhom!

Sur President, mis-sena d-dieħla, kif kien ippjanat, se nibdew naħdmu biex inġibu l-pensjoni massima l-istess għal kulħadd mingħajr ma nagħmlu piżijiet fuq dawk li diġà huma rtirati. Dan ifisser li madwar 10,000 pensjonant se jibdew jibbenefikaw minn din u nibqgħu sejrin sakemm neliminaw anomalija li ħoloq Gvern ieħor! (Interruzzjonijiet) M'aħniex se nagħmlu lotteriji għaliex trid tkun daqsxejn ... Ma nafx, ħalli ma ngħid xejn! Tiġi tgħid li se ntellgħu n-nies bil-lotterija! Aħna se nsewwu l-anomaliji li għamel ħaddieħor. Dak li se nagħmlu!

Issa se ngħid xi ħaġa dwar in-nies li jibqgħu jaħdmu, Sur President. Naħseb li fatt demografiku li ma jista' jmerih ħadd hu, bħalma hemm fl-Ewropa kollha – u aħna m'aħniex eċċezzjoni – li grazzi għat-titjib soċjali u grazzi wkoll għall-avvanzi fil-qasam tas-saħħa, għandek nies li jridu jibqgħu jaħdmu. Inti tista' toħroġ bil-pensjoni jekk għandek il-kontribuzzjonijiet meta tilħaq l-età tiegħek, imma jekk volontarjament trid tibqa' taħdem, aħna qed nagħtu inċentiv biex in-nies jibqgħu jaħdmu. Illum jekk tibqa' taħdem għal aktar minn erba' snin wara li tkun diġà stajt tirtira, il-pensjoni se titlagħlek għal 29%. Din hija għażla volontarja. Il-Gvern mhux qed iġiegħlek tibqa' taħdem. L-ewwel nett, ħafna nies, għall-grazzja t'Alla, ikunu għadhom b'saħħithom meta jilħqu l-età tal-irtirar. Għandek ċerta esperjenza li tkun ħasra li titlifha. Għandek ukoll fattur ieħor li wieħed jista' jgħaddi anke l-esperjenza lil ħaddieħor.

Sur President, waħda mill-buzzwords tal-Oppożizzjoni kienet il-famuża kelma "eċċellenza". Ma rridx inkun krudili, imma lanqas jispelluha ma jafu! Immaġina kemm se jwettqu l-eċċellenza! (Interruzzjonijiet) Lanqas taf tikteb il-kelma "eċċellenza"! Imma se nwettaqha! Meta tbigħ id-duħħan, hekk tbigħu d-duħħan, bil-fatti! Aħna rridu ntejbu l-kwalità tal-ħajja. Jekk inħarsu lejn dak li se nagħmlu, l-investiment fiċ-children's allowance, pereżempju, din id-darba se jkun ta' €250 għal kull wild. Morna lil hinn minn dak li wegħedna. Wegħedna li f'din il-leġiżlatura tiżdied b'€450, li jekk taqsamha fuq ħamsa tiġi tammonta għal €90, u din is-sena se nagħtu €250. Se nagħtu wkoll, għall-ewwel darba, għotja għal tliet snin ta' €500 lil dawk il-ġenituri li jkollhom uliedhom li jagħlqu 16-il sena imma li għadhom f'edukazzjoni full-time u għadhom jgħixu mal-familja.

Hawnhekk qed naraw li verament tinvesti mhux fid-duħħan imma billi tgħin lill-familji kif għamilna u kif se nibqgħu nagħmlu. Naħseb li kull baġit ikollu l-*forte* tiegħu. Waħda mill-aktar miżuri li togħġob lili kienet li minbarra li naraw li ngħinu lit-tfal jilħqu l-potenzjal kollu tagħhom, naraw li nwieżnu mhux biss lil dawk ta' isfel imma li nwieżnu wkoll lil aktar nies fil-faxxa medja ta' pajjiżna. Hawnhekk qed naraw miżura li introduċejnieha s-sena li għaddiet li kienet immirata l-aktar għal dawk tal-faxxa t'isfel u għal dawk li huma meqjusa bħala vulnerabbli, li hija l-mekkaniżmu addizzjonali tal-COLA. Din is-sena dan twessa' u qed naraw li se nilħqu madwar 95,000 familja. Din hija miżura li għandha tmexxi 'l quddiem il-familji Maltin u Għawdxin. Grazzi għall-aġġustamenti, bil-ftehim tal-paga minima kif ukoll biż-żieda tal-għoli tal-ħajja – u dan huwa kumpens tal-inflazzjoni u m'għandniex għalfejn niddejqu ngħiduha - se naraw eluf ta'

familji oħrajn li se jimxu 'l quddiem. Nixtieq insemmi ftit miżuri oħrajn mhux biex nikkontrasta lil tan-naħa l-oħra tal-Kamra, għall-kuntrarju, imma għax meta nkun hawnhekk nagħti kas ta' dak li jgħidu wkoll.

Sur President, fost miżuri oħrajn li introduċejna hemm żieda fl-għotja lil dawk li għalqu t-80 sena. Insemmi wkoll żieda fl-assistenza għall-persuni li jkunu fuq programm ta' riabilitazzjoni. Hawn xi pajjiż fid-dinja li m'għandux issue bid-droga? Tista' toqgħod tparla jew inkella tista' tinvesti! Investejna kif ukoll żidna l-allowance lil dawk li għaddejjin minn programm. X'iridu tan-naħa l-oħra? Li jibqa' għaddej kif kien isir jew li nagħmlu l-qabdiet? Iridu jiddeċiedu. L-akbar investiment li qatt kien hawn kien din is-sena. Pereżempju, il-carers grant minn €4,487 żidnieha għal €5,000. Din hija żieda fl-allowances tal-carers u tant oħrajn.

Sur President, bil-permess tiegħek nixtieq nirreferi għall-anomaliji tal-imgħoddi. Jekk Alla jrid din il-ġimgħa stess se nħabbar is-seba' pagament taħt l-Iskema tal-Anomaliji għall-ħaddiema tal-korpi u oħrajn li sofrew inġustizzja jew anomalija fil-passat. Ftit ilu saret domanda parlamentari f'din il-Kamra u staqsewni jekk sarux jew le, u jien għedt li ma sarux. *Newsbook*, il-portal tal-Knisja, dak li fejn jidhirlu jagħmel muntanja mbagħad fejn jidhirlu xi mkien ieħor jagħmel żipp ma' ħalqu, qal li ma żammejniex kelmtna u allura mhux se nagħtuhom. Se nserrħilhom moħħhom li se nagħtuhom is-seba' pagament. (Onor. Membri: Hear, hear) Din is-sena nagħlqu l-akbar grupp tal-korpi. Se jkun hemm allokazzjoni anke fil-Baġit tas-sena li ġejja għal dawk li għad jonqoshom pagamenti li kienu fis-Settur Pubbliku.

Il-Knisja qabel kellha ġurnal jismu *Leħen is-Sewwa*. Imma jien ngħidilhom: F'ġieħ is-sewwa, staqsu qabel ma tipprovaw tagħmlu punti politiċi. (Interruzzjonijiet) Dażgur li għadu! Is-sewwa ma jkunx fiha! Tant jgħaġġlu li lanqas biss jivverifikaw! Waddab hemm għax dik hija l-aġenda! Jien inkellem lil kulħadd. Jien għandi ħbieb kbar fil-Knisja. Jekk il-Membri tal-Oppożizzjoni jaħsbu li jien xi wieħed li m'għandix relazzjoni mal-Knisja assolutament huma żbaljati. Se nkomplu nsewwu dak li ħallejtu warajkom. Dak li se nagħmlu!

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Jekk jogħġobkom.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Dak li se nagħmlu! Nerġa' ngħid, mhux biex nikkumbatti, imma forsi biex inserraħ ftit imħuħ dwar il-Conservatorio Vincenzo Bugeja (CVB). Lanqas biss jafu fuqiex qegħdin jitkellmu! (Interruzzjonijiet) Biex titgħallem, Onor. Agius! Diffiċli li tgħallem ċerti nies, imma se nipprova! Vincenzo Bugeja kien filantropu kbir, kien bniedem li ħalla ħafna proprjetà, basta tintuża għall-użu soċjali. La l-FSWS u lanqas il-Gvern mhuma responsabbli għat-tmexxija ta' Conservatorio Vincenzo Bugeja. Jekk hemm xi ħadd – li mhux se jsir hekk – li jista' jagħlaq il-Conservatorio huma l-Board of Trustees. Se nserraħlek rasek. (Interruzzjonijiet) Le, il-Conservatorio mhux se jingħalaq għaliex fih hemm parti oħra li se tibqa' tintuża.

Sur President, jafu x'aħna ngħidu jew le? Għaliex noqogħdu ngħidu u nsemmu gazzetta u mhux gazzetta! Hawn ħafna gazzetti, imma mbagħad trid toqgħod fuq il-verità. Kien il-Conservatorio Vincenzo Bugeja nnifsu li f'Ġunju kiteb u qal f'ittra – li nista' nqegħedha fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar tad-diskors tiegħi, ħalli npoġġi xi ħaġa ma' tiegħek, Onor. Agius – li ma jridx ikompli bl-arranġament fuq is-sezzjoni tal-bniet. Id-deċiżjonijiet neħodhom. Ġejt ikkritikat li m'għamiltx konferenza stampa. Jien ma neħux deċiżjonijiet għall-konferenzi stampa! Jien nieħu d-deċiżjonijiet għall-interess tat-tfal. Dawk l-adolexxenti se jmorru fi tliet homes separati għaliex l-ewwel interess huwa tagħhom u mhux li nagħmel xi konferenza stampa!

Il-kummenti dwar il-ħaddiema kienu farsa oħra. Nista' ngħidlu li dwar il-ħaddiema hemm sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet mill-FSWS bi ftehim mal-UĦM – biex darb'oħra toqogħdu attenti min jagħtikom l-informazzjoni – biex japplikaw, jagħmlu intervista, għaliex inkella tiġu tgħidu li daħħalniehom, u jidħlu mal-FSWS. U mela nkeċċu lill-ħaddiema jew se nagħlqu s-CVB!

Sur President, staqsew ukoll dwar il-mara u l-vjolenza domestika. Jien naħseb li għandi ċertu għarfien. Kien hemm rapport wara l-mewt ta' Bernice Cassar, u minn dakinhar 'l hawn saret l-evalwazzjoni tat-tool li kien jintuża, id-Domestic Abuse, Stalking and Harassment (DASH) li huwa tool Ingliż. Illum wara dik l-evalwazzjoni se mmorru għal tool ġdid tad-danger assessment. Ġew esperti Amerikani, waħda minnhom il-persuna li żviluppat dan it-tool. Sar taħriġ lil 200

ruħ, jekk mhux aktar, u jekk Alla jrid nibdew nużaw dan it-tool aħjar. (Interruzzjonijiet) Nassumi li int kont taf. Se naqbel miegħek fuq ħaġa waħda. (Interruzzjonijiet) Lanqas taqbel magħkom ma tista'!

Dwar ir-rapportaġġ ta' abbuż tat-tfal x'iridu? Ikollna għaxar rapporti u tnejn jirriżultaw veru jew viċeversa? In-numru fir-rapporti dwar l-abbużi tat-tfal żdied minn meta introduċejna l-konċett tal-mandatory reporting. Dak kien konċett ġdid li introduċejna li wassal għal aktar rapporti. Allura dan huwa ħażin? Aħna lesti, mela le, li ninvestigaw ir-rapporti. Infakkar ukoll li għollejna l-preskrizzjoni fil-każ ta' abbużi fuq tfal, ekwivalenti għal dik ta' omiċidju volontarju, 20 sena effettivament, u dak għamilnieh għaliex nemmnu li rridu nagħmlu aktar fil-qasam tal-ħarsien tat-tfal.

L-Onor. Graziella Attard Previ semmiet il-Fostering Board. Jidhirli li l-Onor. Graziella Attard Previ qalet li saret laqgħa waħda. Jien personalment matul dawn l-aħħar xahrejn iltqajt magħhom xi tliet darbiet bi pjaċir tiegħi. Illum nista' ngħid li għall-ewwel darba għandna 57% ta' tfal taħt il-kura tal-Istat li huma fostered għand familji, jiġifieri l-parti l-kbira huma fostered. Hemm aktar x'nagħmlu? Bla dubju!

Dwar child grooming - u forsi l-Onor. Graziella Attard Previ taf - daħħalna żewġ reati ġodda: dak tas-cyberstalking u dak tas-cyberbullying. Fi ħdan l-FSWS għandna wkoll programm, li huwa BeSmartOnline, immirat preċiżament għal child grooming u dawk li jkunu, biex ngħid hekk, red alerts, fejn hemmhekk irridu nħarsu aktar. Dwar ir-Review Tribunal irrid ngħid li se jkollna ieħor u rridu nħarsu biex ikollna aktar ħeffa fil-każijiet. Tagħmel kemm tagħmel qatt ma tagħmel biżżejjed. Jiġifieri jien bl-ebda mod mhu qed ngħid li solvejt il-problemi kollha.

L-Onor. Ivan Bartolo semma wkoll il-każ tal-fibromyalgia u l-konċett tad-diżabilità parzjali, xi ħaġa li rridu nħarsu lejha. Bdejna nħarsu lejha imma għadna fil-bidu. Mhux se niġi hawnhekk u ngħid dak li mhuwiex minnu.

L-Onor. Albert Buttigieg semma l-ħut u l-qasba! Ma nzertajtx dilettant tagħhom it-tnejn! Fil-bidu lil dak li jkun trid tagħtih il-ħuta għaliex jekk ma tagħtihx il-ħuta ma jgħixx biex ikollu ċ-ċans imur jistad! Hemmhekk irridu naraw x'nistgħu nagħmlu aktar. Kif diġà għedt, kellna tliet pakketti ta' benefiċċji li huma t-tapering of benefits, l-in-work benefit u ċ-childcare b'xejn li kollha kienu miżuri tal-qasba. Dwar il-mediċini out of stock irrid ngħid li l-ammont naqas.

Sur President, biex żgur ma nkun insejt lil ħadd, l-Onor. Graziella Galea tkellmet dwar ir-realtà ta' San Pawl il-Baħar. Huwa veru li għandna ċerti lokalitajiet li għandhom realtà partikolari. Hawnhekk fir-risposta li għaddejt kont korrett għaliex is-servizz.gov ma jirrispondix lil dan il-Ministeru. Kif diġà għedt, m'għandi l-ebda intenzjoni noqgħod nirribatti, imma sempliċement irrid nuri lin-naħa l-oħra li nagħti kas dak li jingħad għaliex dak huwa xogħli. Irridu nħarsu aktar lejn il-futur.

Sur President, issemmew ukoll is-social workers. Nista' ngħid li minn 175 social worker mal-FSWS għaxar snin ilu, illum hemm fuq 319 imma hemm bżonn aktar social workers. Kif kelli ċ-ċans nirrimarka waqt il-ħin tal-mistoqsijiet, għandna 74 social worker li daħlin fid-dinja tax-xogħol u nawguralhom ħidma tajba. Ix-xogħol tagħhom huwa prezzjuż. Naħseb li rridu wkoll inħarsu lejn is-sitwazzjoni b'mod aktar ħolistiku. Waħda mill-affarijiet li rnexxielna nagħmlu hija li nlaqqgħu l-professjonijiet flimkien. M'iniex qed nitkellem dwar l-issue tas-social work professionals imma qed nitkellem ukoll dwar psikologi oħrajn. Illum – u x'aktarx hawn min jgħallimni f'din il-Kamra – il-multidisciplinary approach huwa aktar relevanti.

Nixtieq nikkonkludi dan id-diskors tiegħi billi ngħid b'wiċċi minn quddiem li għamilna ħafna, għad fadal x'nagħmlu, l-isfidi mhumiex se jonqsu, u nagħmlu kemm nagħmlu, qatt mhu se jkun biżżejjed. Irridu wkoll inħarsu lejn dak li tajna u rridu nħarsu 'l fejn sejrin. Fejn aħna sejrin il-Mulej biss jaf, imma l-importanti hu li l-impenn tagħna jkun impenn ġenwin.

Nixtieq nagħmel ftit ringrazzjamenti, Sur President. Nirringrazzja b'mod speċjali lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru Mark Musù li huwa walking encyclopedia fejn jidħlu s-servizzi soċjali. Naħseb li kulħadd jirrealizza l-importanza tal-ħidma tiegħu, inkluż diversi Membri min-naħa tal-Oppożizzjoni. Huwa bniedem dejjem miftuħ għal kulħadd. Kien hawn min kellu d-diċenza jgħidha, u nirringrazzjah. Aħna miftuħin għal kulħadd. Il-Ministeru tagħna regola waħda għandu; jista' jiġi kulħadd, hu minn fejn hu, hu ta' liema kulur politiku hu, hu x'inhu

l-bżonn tiegħu, għax nipprovaw ngħinuh. Dik hija xi ħaġa li ngħidha b'wiċċi minn quddiem, u nofs, jekk mhux aktar, mill-Membri tan-naħa l-oħra tal-Kamra jafu li dak li qed ngħid hija verità sagrosanta. Hekk se nibqgħu nagħmlu!

Nirringrazzja wkoll lil dawk ta' madwaru. M'iniex se nsemmi ismijiet għaliex żgur li ninsa lil xi ħadd, imma ovvjament kien hemm diversi li jkunu għenu fit-tfassil ta' dawn il-miżuri, fosthom il-kapijiet u l-istaff kollu li kultant ikollhom jissaportu lili li mhux biss nagħmlu l-miżuri u nitkellmuhom, imma mbagħad irridu nwettquhom. Nirringrazzja lill-impjegati tal-MITA li sibniehom ħafna u li kienu ta' appoġġ kontinwu matul is-sena. Nirringrazzja lill-management, lill-Kap Eżekuttiv u lill-istaff tal-FSWS. Din il-Fondazzjoni għalqet 25 sena u llum għandha madwar 1,000 impjegat u din is-sena se jkollha l-akbar baġit li qatt kellha. Għandha numru estensiv ta' servizzi u se nħarsu 'l quddiem biex fejn nistgħu, intejbuhom.

Nixtieq ngħid grazzi wkoll lid-Direttur u lill-persuni responsabbli mill-Kumitat għal Trobbija Pożittiva li għalkemm forsi ma tantx jissemma qed jagħmel ħafna xogħol siewi u rridu naraw kif nagħmlu aktar. Nirringrazzja lill-impjegati, lill-istaff tad-dipartimenti, lill-istaff tas-Segretarjat kif ukoll lil dawk kollha li jemmnu fil-qasam soċjali, kif nemmnu aħna bħala Gvern, li għandhom għal qalbhom il-valuri soċjalisti li ma jinbidlux, imma aħna nwettquhom dejjem. It-twemmin tagħna jrid jibqa' fidil. Grazzi wkoll lil kull min jagħti sehmu f'dan il-pajjiż. Ara ma neħdux l-attitudni – u hawn min jeħodha, imma dik affari tiegħu – li dak li jgħid hu qisu l-ħames vanġelu, is-sitta jew is-sebgħa, imma l-verità tibqa' dejjem il-verità!

Sur President, nirringrazzja lilek u lill-kollegi kollha, inkluż il-kollegi tan-naħa l-oħra. L-istedina li għamilt hi: Ejja naħdmu flimkien fil-qasam soċjali u fejn nistgħu ngħinu, ejjew ngħinu. Nikkonkludi bi frażi waħda, mhux tiegħi, u fl-aħħar ngħid ta' min hi. Xi ħadd darba qal li ħadd mis-sema 'l isfel mhu se jsolvi l-problemi ta' kulħadd, imma kull wieħed u waħda minna nistgħu nagħmlu differenza kbira għall-aħjar fil-ħajja ta' xi ħadd. Dak għandu jkun messaġġ li għandna nżommu magħna. Huwa messaġġ ta' Mother Theresa li żgur li fil-qasam soċjali kienet ta' ispirazzjoni u għadha ta' ispirazzjoni. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d Drittijiet tat Tfal irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Sar il-ħin. Nerġa' nsejjaħ lill-Ministru Michael Falzon biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada t-Tlieta, 21 ta' Novembru 2023 fit-8.30 a.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**L-Għaxar Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet**

Vot 22 - Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet
Vot 23 - Kummerċ
Vot X - Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet – Kapital

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023:*

Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani – Tielet Qari.

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet m'għandhiex tieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li għal din is-seduta mhux se jkun hemm mistoqsijiet u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal għada t-Tlieta, 21 ta' Novembru 2023 fit-8.30 a.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru.

*Fis-7.29 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*